Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**11675/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0229 (NLE)**

**RECH 329**
**COMPET 749**
**IND 279**
**TELECOM 248**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 414 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-KUNSILL<br>dwar l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 414 final.

Mehmuż: COM(2025) 414 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2025
COM(2025) 414 final

2025/0229 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[1] li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488[2] jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u jistabbilixxi l-missjoni u l-objettivi tagħha. Il-missjoni tal-Impriża Konġunta hija li tiżviluppa, timplimenta, testendi u żżomm fl-Unjoni ekosistema tal-infrastruttura federata, sigura iperkonnessa u tal-ogħla klassi tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku, tas-servizzi u tad-data; li tappoġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' sistemi innovattivi u kompetittivi ta' supercomputing orjentati lejn id-domanda u mmexxijin mill-utenti, ibbażati fuq katina tal-provvista li tiżgura d-disponibbiltà tal-komponenti, tat-teknoloġiji u tal-għarfien, tillimita r-riskju ta' interruzzjoni, u l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ottimizzati għal dawn is-sistemi; u li twessa' l-użu ta' dik l-infrastruttura tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku għal numru kbir ta' utenti pubbliċi u privati, u tappoġġa t-tranżizzjoni doppja u l-iżvilupp ta' ħiliet ewlenin għax-xjenza u għall-industrija Ewropej.

Mill-2021, meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173, il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (IA) ra progress tekniku enormi u sar dominju strateġiku u kompetittiv ħafna ewlieni fil-livell globali. B'mod partikolari, mudelli kbar tal-IA bi skop ġenerali tfaċċaw bħala xprunaturi vitali tal-kompetittività ekonomika u tal-innovazzjoni. Dawn saru kruċjali fit-tisħiħ tal-produttività f'diversi setturi u jittrasformaw ktajjen tal-valur sħaħ, u b'hekk jiddettaw il-qbid futur tal-valur ekonomiku. Il-ġenerazzjoni li jmiss tal-mudelli tal-IA tal-ogħla livell hija mistennija twassal għal qabża fil-kapaċitajiet, lejn l-Intelliġenza Ġenerali Artifiċjali (AGI, Artificial General Intelligence) li tkun kapaċi tindirizza kompiti kumplessi u diversi ħafna, li jlaħħqu mal-kapaċitajiet umani. Ir-reġjuni li huma kapaċi jiżviluppaw u jimplimentaw dawn il-mudelli tal-IA fuq skala kbira se jkunu xprunaturi tal-innovazzjoni globali u se jattiraw it-talent ewlieni. Fl-istess ħin, is-setturi fuq quddiem nett tax-xjenza u tal-industrija, bħall-bijoteknoloġija, il-klima, l-IA awtomotiva, u l-ajruspazju, jesiġu riżorsi sostanzjali tal-informatika sabiex iwettqu skoperti xjentifiċi u innovazzjonijiet industrijali importanti xprunati mill-IA.

Wara l-adozzjoni tal-pakkett dwar l-Innovazzjoni fl-IA fi Frar 2024[3], ir-Regolament (UE) 2021/1173 ġie emendat f'Ġunju 2024 u ħoloq pilastru ġdid ta' attivitajiet għall-Impriża Konġunta EuroHPC, li jippermettilha takkwista, taġġorna u topera fabbriki tal-IA.

L-aktar avvanzati fost dawn il-Fabbriki tal-IA fl-Ewropa se jkunu mgħammrin b'supercomputers li fihom sa 25,000 proċessur avvanzat tal-IA, li jippermettu l-iżvilupp ta' mudelli tal-IA ta' firxa medja biss. Għalhekk, hemm bżonn ta' investimenti sinifikanti sabiex jiġu espanduti l-kapaċitajiet tal-computing tal-Ewropa għal-livell li jmiss.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256 19.7.21 p. 3).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1).

[3] https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/commission-launches-ai-innovation-package-support-artificial-intelligence-startups-and-smes

Fid-9 ta' April 2025, il-Kummissjoni varat il-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA[4,5] sabiex l-Ewropa tippożizzjona ruħha bħala mexxejja globali fl-IA. Pilastru ewlieni ta' din l-istrateġija huwa l-għoti ta' spinta lill-infrastruttura madwar l-Ewropa kollha għat-taħriġ ta' mudelli avvanzati tal-IA li jieħdu l-kunċett tal-Fabbriki tal-IA tal-2024 għal-livell li jmiss.

L-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' mudelli tal-IA tal-ogħla livell huwa mistenni jirrikjedi faċilitajiet fuq skala kbira, li jaqbżu b'tal-anqas tlieta sa erba' darbiet in-numru tal-proċessuri tal-IA l-aktar avvanzati disponibbli fl-aktar fabbriki tal-IA b'saħħithom, filwaqt li jqisu l-kapaċità tal-enerġija, kif ukoll l-enerġija, l-effiċjenza tal-ilma u ċ-ċirkolarità. Dawn se jkunu kapaċi jiżviluppaw, iħarrġu, u jimplimentaw mudelli u applikazzjonijiet kbar ħafna tal-IA fuq skala mingħajr preċedent (eż., mudelli tal-IA fl-ordni ta' mijiet ta' triljuni ta' parametri).

Il-Gigafabbriki tal-IA se jipprovdu infrastruttura tal-ogħla klassi għall-computing tal-IA għar-riċerkaturi, għall-imprendituri, għas-settur pubbliku u għall-industriji Ewropej. Huma għandhom isaħħu l-industrija Ewropea, jippermettu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA kompletament ġodda u jiżguraw il-kompetittività u s-sovranità tal-UE bħala kontinent tal-IA f'konformità mal-Boxxla għall-Kompetittività[6]. L-interess pubbliku fil-koinvestiment mal-atturi tal-industrija fil-Gigafabbriki tal-IA jinsab fl-espansjoni u fit-tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tal-computing tal-IA sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati, implimentati u jiġu applikati mudelli u applikazzjonijiet tal-IA tal-ġenerazzjoni li jmiss għall-użu xjentifiku, pubbliku u industrijali fl-Ewropa. Bħall-Fabbriki tal-IA, il-Gigafabbriki tal-IA se jkunu miftuħin għar-riċerkaturi, għall-partijiet ikkonċernati mis-settur pubbliku, għall-istartups u għall-industrija madwar l-Istati Membri, skont kundizzjonijiet ta' aċċess speċifiċi.

Illum il-ġurnata, il-mekkaniżmi eżistenti fi ħdan ir-Regolament 2021/1173 ma humiex mgħammrin bis-sħiħ sabiex isostnu l-istabbiliment tal-Gigafabbriki tal-IA. Għalhekk, emenda mmirata hija neċessarja sabiex l-Impriża Konġunta EuroHPC tiġi pprovduta bil-bażi legali neċessarja sabiex tkun tista' twettaq l-impenji rigward l-istabbiliment tal-Gigafabbriki tal-IA fl-Ewropa. L-emenda se tagħti mandat ulterjuri speċifiku lill-Impriża Konġunta sabiex twettaq attivitajiet għall-implimentazzjoni tal-materjal tal-Gigafabbriki tal-IA filwaqt li taħseb ukoll għall-ispeċifiċitajiet tagħhom.

L-emenda tipprovdi wkoll opportunità sabiex jiġu introdotti dispożizzjonijiet strateġiċi relatati mat-teknoloġiji kwantistiċi, f'konformità mal-Istrateġija Kwantistika Ewropea. It-teknoloġiji kwantistiċi, li jinkludu l-computing, il-komunikazzjoni, ir-rilevament u l-metroloġija kwantistiċi qed jitfaċċaw bħala qasam strateġiku għall-Unjoni, bil-potenzjal li jsawru mill-ġdid industriji u applikazzjonijiet soċjetali ewlenin, u li jkollhom impatt kbir fuq il-kompetittività industrijali u fuq is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. L-Unjoni għamlet investimenti sostanzjali f'dan il-qasam. Issa hemm bżonn li tiġi kkoordinata u implimentata aktar aġenda pan-Ewropea għar-riċerka, għall-innovazzjoni u għall-industrijalizzazzjoni kwantistiċi li tikkapitalizza fuq l-aspetti b'saħħithom eżistenti u tallinja l-isforzi kollha fuqi l-bażi ta' prijoritajiet kondiviżi. Qiegħed isir dejjem aktar importanti għall-Ewropa li tittraduċi l-eċċellenza xjentifika u l-potenzjal tal-innovazzjoni tagħha f'opportunitajiet reali tas-suq u b'hekk tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Boxxla għall-Kompetittività.

---

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, COM/2025/165 final

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1732

6 https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/competitiveness-compass_mt

Din l-emenda ssaħħaħ il-mandat kurrenti tal-Impriża Konġunta EuroHPC dwar it-teknoloġiji kwantistiċi sabiex:

- Tappoġġa l-iżvilupp ta' ekosistema kwantistika Ewropea sħiħa, li tkopri r-riċerka, l-innovazzjoni, l-implimentazzjoni tal-infrastruttura, il-ħiliet u l-kapaċitajiet industrijali;
- Tiżgura sinerġiji bejn l-infrastrutturi kwantistiċi u klassiċi tal-HPC (High-Performance Computing), b'mod partikolari għal sistemi ibridi, għal simulazzjonijiet, u għal pjattaformi ta' kożvilupp;
- Tippromwovi s-sovranità teknoloġika tal-Ewropa, billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet fil-komponenti abilitanti tal-kwantum u tnaqqas id-dipendenzi f'oqsma kritiċi;

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 2024/1732 sabiex l-Unjoni tkun tista' twieġeb għal żviluppi teknoloġiċi u imperattivi strateġiċi ġodda, jiġifieri l-espansjoni sinifikanti tal-kapaċità tal-computing ottimizzata għall-IA fl-Ewropa, kif ukoll sabiex tallinja lill-Istati Membri madwar prijoritajiet kondiviżi fit-teknoloġiji kwantistiċi billi tindirizza l-frammentazzjoni eżistenti tal-programmi kwantistiċi fost il-pajjiżi fl-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija kompletament konformi ma' politiki oħrajn tal-Unjoni, speċjalment dawk il-politiki promulgati taħt il-prijorità tal-Kummissjoni "Ewropa għajna u kompetittiva".

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali tal-Impriża Konġunta hija l-Artikolu 187 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 jkopri l-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li l-objettivi tiegħu, jiġifieri t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, l-akkwist ta' supercomputers u ta' kompjuters kwantistiċi, u l-aċċess għall-infrastruttura tal-computing ta' prestazzjoni għolja, tal-computing kwantistiku u tad-data madwar l-Unjoni permezz ta' Impriża Konġunta, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, sabiex tiġi evitata duplikazzjoni mingħajr bżonn, tinżamm il-massa kritika u jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku jintuża b'mod ottimali, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Sabiex jilħaq l-ambizzjonijiet tat-tmexxija industrijali u tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, ir-Regolament li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta jeħtieġ emenda mmirata li tippermetti lill-Impriża Konġunta tal-EuroHPC takkomoda l-ispeċifiċitajiet tal-materjali tal-Gigafabbriki IA u timplimenta l-istrateġija kwantistika tal-UE.

Minħabba n-natura tal-kwantum u tal-IA u d-daqs tal-investimenti meħtieġa għall-Gigafabbriki tal-IA u għat-teknoloġiji kwantistiċi, huwa biss permezz ta' azzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni li l-Ewropa tista' żżomm il-vantaġġ li rawmet f'dawn it-teknoloġiji kritiċi.

- **Proporzjonalità**

L-emenda proposta tikkonforma mal-prinċipji tal-proporzjonalità hekk kif stabbiliti fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Għażla tal-istrument**

Il-ħolqien u t-tħaddim ta' Impriża Konġunta li fiha tipparteċipa l-Unjoni jeħtieġu Regolament tal-Kunsill, li għalih issa qed tiġi proposta emenda.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din hija emenda għal Regolament eżistenti. L-emenda mmirata proposta għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 hija l-uniku mod kif jiġi ssodisfat l-impenn politiku mħabbar mill-President von der Leyen fis-Summit dwar l-IA fi Frar 2025 li jiġu stabbiliti Gigafabbriki tal-IA, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Kwantistika tal-UE. Ma twettqet l-ebda evalwazzjoni jew valutazzjoni tal-impatt *ex post*.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati b'mod estensiv għall-finijiet tal-emendi rigward il-Gigafabbriki tal-IA:

– dibattitu mal-Istati Parteċipanti tal-EuroHPC fil-Bord ta' Tmexxija tal-EuroHPC,

– diskussjonijiet strutturati ma' atturi pubbliċi u privati ewlenin ta' rilevanza għall-inizjattiva, inklużi rappreżentanti tal-gvern, kumpaniji tal-Unjoni u internazzjonali, u istituzzjonijiet ta' finanzjament privati kif ukoll pubbliċi, bħall-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment,

– sejħa għal Espressjoni ta' Interess (CfEI, Call for Expression of Interest) li tibda mid-9 ta' April sal-20 ta' Ġunju 2025. Din is-sejħa stiednet ideat minn madwar l-Ewropa, u tgħin sabiex jiġu identifikati konsorzji potenzjali u tiġbor l-għarfien meħtieġ sabiex jiġi rfinat il-qafas għall-iżvilupp tal-Gigafabbriki tal-IA.

Minħabba n-natura mmirata ħafna tal-emendi għar-Regolament, li diġà jagħti mandat lill-Impriża Konġunta EuroHPC sabiex taġixxi fil-qasam tal-IA u tal-kwantum, ma hemmx bżonn li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt.

Għat-teknoloġiji kwantistiċi, l-emenda tirrifletti l-inputs miġburin permezz tas-sejħa pubblika għall-evidenza mwettqa bħala parti mit-tħejjija tal-Istrateġija Ewropea dwar it-Teknoloġiji Kwantistiċi.

Din il-konsultazzjoni, imnedija mill-Kummissjoni Ewropea, ġabret kontribuzzjonijiet minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet tar-riċerka, rappreżentanti tal-industrija, awtoritajiet nazzjonali, u s-soċjetà ċivili, u enfasizzat l-importanza ta' azzjoni koordinata tal-Unjoni sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' ekosistema kwantistika komprensiva. Il-prijoritajiet ewlenin identifikati jinkludu: l-investiment fir-riċerka fit-tul, l-iżvilupp tal-

infrastruttura, il-ħiliet u l-edukazzjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u l-kollaborazzjoni internazzjonali.

Ġew riċevuti wkoll inputs addizzjonali permezz taż-żewġ kanali li ġejjin:

– Dibattitu mar-rappreżentanti tal-Grupp (ta' Esperti) ta' Koordinazzjoni tat-Teknoloġija Kwantistika[7] li fih qegħdin jieħdu sehem l-Istati Membri kollha;

– Interazzjonijiet intensi ma' gruppi ta' ħidma esperti mill-Istati Membri kollha li ġew stabbiliti taħt il-koordinazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tat-Teknoloġija Kwantistika. Il-gruppi ta' ħidma ta' esperti ħarġu rapport[8] li jippreżenta sett ta' prijoritajiet u ta' rakkomandazzjonijiet strateġiċi kondiviżi li jiggwidaw l-iżvilupp tat-teknoloġiji kwantistiċi fl-Ewropa.

Dawn l-inputs għenu sabiex tiġi infurmata l-inklużjoni tat-teknoloġiji kwantistiċi f'din l-emenda, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza mal-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati u mad-direzzjoni strateġika usa' tal-Unjoni fit-teknoloġiji diġitali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-fondi addizzjonali minn Orizzont Ewropa, mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u mill-Ewropa Diġitali se jingħaddew lill-Impriża Konġunta EuroHPC sabiex jiġu implimentati l-Gigafabbriki tal-IA u l-istrateġija kwantistika tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emenda għar-Regolament twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu sabiex tespandi l-objettiv tal-Impriża Konġunta relatat mal-iżvilupp u mal-operat tal-Gigafabbriki tal-IA fl-Ewropa li se jiġu federati bil-Fabbriki tal-IA.

**L-objettiv jindirizza l-kunsiderazzjonijiet u r-rekwiżiti uniċi assoċjati mal-istabbiliment tat-tali faċilitajiet tal-infrastruttura tad-data u tal-computing tal-IA fuq skala ultra li huma neċessarji għat-taħriġ u għall-implimentazzjoni ta' mudelli u ta' applikazzjonijiet tal-IA kbar ħafna fl-Unjoni. Għandu jiġi ċċarat li l-emendi jintroduċu l-inklużjoni tal-Gigafabbriki tal-IA fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.**

Din l-emenda twieġeb għall-iżviluppi teknoloġiċi ewlenin fil-qasam tal-IA li seħħew minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament oriġinali fl-2021 u mill-emenda preċedenti fl-2024.

Dawn l-iżviluppi huma riflessi fl-Artikoli emendati tar-Regolament. L-Artikolu 2(3d) jippreżenta d-definizzjoni ta' Gigafabbrika tal-IA.

L-Artikolu 3(2)(h) jippreżenta l-objettiv il-ġdid tiegħu li jappoġġa l-istabbiliment ta' Gigafabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali, b'appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali kompetittiva ħafna u innovattiva fl-Unjoni.

L-Artikolu 4(1)(i) jiddefinixxi l-pilastru tal-attività l-ġdid tal-Gigafabbriki tal-IA tal-Impriża Konġunta.

---

7 https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&groupID=3629

8 https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/shaping-european-strategy-quantum-technology-main-orientations-and-recommendations

L-Artikolu 5 huwa emendat sabiex jirrifletti ż-żieda u l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

L-Artikolu 12b huwa introdott sabiex jirregola l-post ta' Gigafabbrika tal-IA, il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-konsorzji pubbliċi-privati li jfittxu li jospitaw Gigafabbriki tal-IA, ir-regoli li jappartjenu għas-sehem u l-kundizzjonijiet tal-fondi tal-Unjoni u tal-Istati Parteċipanti fil-EuroHPC li jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-Gigafabbriki tal-IA, il-kriterji ta' evalwazzjoni għall-għażla tal-Gigafabbriki tal-IA, il-kriterji għaż-żmien ta' aċċess għall-pubbliku, eċċ.

L-Artikolu 16(1) huwa emendat sabiex jippermetti l-użu ta' supercomputers tal-EuroHPC għal applikazzjonijiet ċivili u tas-sigurtà.

**L-emenda se tqis ukoll l-implimentazzjoni tal-istrateġija kwantistika Ewropea mill-Impriża Konġunta EuroHPC.**

Tiżdied definizzjoni ġdida (l-Artikolu 2, il-punt 19a) li tintroduċi l-kunċett ta' "Ċentru nazzjonali ta' Kompetenza kwantistika", mifhum bħala entità legali jew konsorzju stabbilit f'pajjiż parteċipanti, li joffri aċċess għal teknoloġiji, għal għodod, għal servizzi u għal infrastrutturi kwantistiċi. Dawn iċ-ċentri għandhom l-għan li jappoġġaw lill-utenti mill-industrija, mill-akkademja, u mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, u li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet, it-taħriġ, in-networking, u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni relatati mal-qasam tat-Teknoloġija Kwantistika (QT, Quantum Technology).

L-Artikolu 3(1) huwa emendat sabiex jippreżenta l-missjoni aġġornata tal-Impriża Konġunta li tappoġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' sistemi innovattivi u kompetittivi tas-supercomputing orjentati lejn id-domanda u mmexxija mill-utenti u tal-kwantum. L-Artikolu 3(2)(fa) jippreżenta l-objettiv il-ġdid tal-Impriża Konġunta li tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni xjentifiċi u applikati mill-aktar avvanzati fit-teknoloġiji kwantistiċi.

L-emenda żżid ukoll punt (j) ġdid mal-Artikolu 4(1), li jistabbilixxi Pilastru tat-Teknoloġiji Kwantistiċi li jindirizza l-ekosistema kwantistika Ewropea kollha, inklużi l-computing, is-simulazzjoni, il-komunikazzjoni, ir-rilevament u l-metroloġija kwantistiċi.

L-ambitu tal-azzjonijiet ikopri:

- Ir-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni teknoloġika fl-oqsma kwantistiċi;
- L-industrijalizzazzjoni u l-espansjoni tat-teknoloġiji kwantistiċi, inkluż l-appoġġ għall-istartups u l-innovazzjoni fixkiela;
- L-iżvilupp ta' network ta' ċentri nazzjonali ta' kompetenza kwantistika, l-adozzjoni ta' applikazzjonijiet kwantistiċi f'setturi strateġiċi, u l-istandardizzazzjoni;
- L-iżvilupp tal-ħiliet u l-mobilità, it-trawwim ta' forza tax-xogħol kwantistika b'saħħitha u inkluživa;
- Il-kooperazzjoni internazzjonali allinjata mal-politika esterna tal-Unjoni.

Sabiex jgħin lill-Impriża Konġunta EuroHPC timplimenta l-istrateġija kwantistika, l-Artikolu 4 tal-Anness jintroduċi l-kunċett ta' Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika u l-Artikolu 14b ta' dan l-istess anness jagħti dettalji dwar il-kompiti mistennijin mill-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika.

2025/0229 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-Artikolu 188, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[9],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-"Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali") għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas legali uniformi b'mod partikolari għall-iżvilupp, għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-użu tal-intelliġenza artifiċjali f'konformità mal-valuri tal-Unjoni.

(2) Mill-2021, meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173, il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (IA) ra progress tekniku enormi u sar dominju strateġiku u kkontestat ħafna fil-livell globali. L-Unjoni Ewropea tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi sabiex tappoġġa l-innovazzjoni responsabbli fl-IA, billi tiggwida l-innovazzjoni, tistabbilixxi lqugħ regolatorju, u tiżviluppa governanza effettiva.

(3) Mudelli kbar tal-IA bi skop ġenerali tfaċċaw bħala xprunaturi vitali tal-kompetittività ekonomika u tal-innovazzjoni. Dawn saru kruċjali fit-tisħiħ tal-produttività f'diversi setturi u jittrasformaw ktajjen tal-valur sħaħ, u b'hekk jiddettaw il-qbid futur tal-valur ekonomiku. Il-ġenerazzjoni li jmiss tal-mudelli tal-IA tal-ogħla livell hija mistennija twassal għal qabża fil-kapaċitajiet, lejn l-Intelliġenza Ġenerali Artifiċjali (AGI, Artificial General Intelligence) li tkun kapaċi tindirizza kompiti kumplessi u diversi ħafna, li jlaħħqu mal-kapaċitajiet umani. Ir-reġjuni li huma kapaċi jiżviluppaw u jimplimentaw dawn il-mudelli tal-IA fuq skala kbira se jkunu xprunaturi tal-innovazzjoni globali u se jattiraw it-talent ewlieni. Fl-istess ħin, is-setturi fuq quddiem nett tax-xjenza u tal-industrija, bħall-bijoteknoloġija, il-klima, il-qasam awtomotiv, id-difiża, l-ispazju u l-ajruspazju, jesiġu riżorsi sostanzjali tal-informatika sabiex iwettqu skoperti xjentifiċi u innovazzjonijiet industrijali importanti xprunati mill-IA. Is-sinerġiji bejn dawn l-attivitajiet u dawk imwettqin minn programmi oħrajn tal-Unjoni, bħall-Programm Spazjali tal-UE, se jiġu sfruttati, bis-salvagwardji xierqa fis-seħħ sabiex jiġu protetti l-interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

(4) L-aktar Fabbriki tal-IA avvanzati fl-Ewropa se jkunu mgħammrin b'supercomputers li fihom sa 25,000 proċessur avvanzat tal-IA, li jippermettu l-iżvilupp ta' mudelli tal-IA

[9] ĠU C , , p. .

[10] ĠU C […], […], p. […]

ta' firxa medja biss. Għalhekk, hemm bżonn ta' investimenti sinifikanti sabiex jiġu espanduti l-kapaċitajiet tal-computing tal-Ewropa għal-livell li jmiss.

(5) Fid-9 ta' April 2025, il-Kummissjoni varat il-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA[11] sabiex l-Unjoni tippożizzjona ruħha bħala mexxejja globali fl-IA. Pilastru ewlieni ta' din l-istrateġija huwa l-għoti ta' spinta lill-infrastruttura madwar l-Ewropa kollha għat-taħriġ ta' mudelli avvanzati tal-IA li jieħdu l-kunċett tal-Fabbriki tal-IA tal-2024 għal-livell li jmiss.

(6) L-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' mudelli tal-IA tal-ogħla livell huwa mistenni jirrikjedi faċilitajiet fuq skala kbira, li jaqbżu b'tal-anqas tlieta sa erba' darbiet in-numru tal-proċessuri tal-IA l-aktar avvanzati disponibbli fl-aktar fabbriki tal-IA b'saħħithom, filwaqt li jqisu l-kapaċità tal-enerġija, kif ukoll l-enerġija, l-effiċjenza tal-ilma u ċ-ċirkolarità. Illum il-ġurnata, il-mekkaniżmi eżistenti fi ħdan ir-Regolament 2021/1173 ma humiex mgħammrin sabiex isostnu l-istabbiliment u l-operat tal-Gigafabbriki tal-IA. Għalhekk emenda mmirata hija neċessarja sabiex l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (l-"Impriża Konġunta") tiġi pprovduta bil-bażi legali neċessarja sabiex tkun tista' twettaq l-impenji rigward it-twaqqif u l-operat tal-Gigafabbriki tal-IA fl-Ewropa.

(7) It-tisħiħ tal-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni qiegħed isir dejjem aktar vitali għall-kompetittività u għall-awtonomija strateġika fit-tul tagħha. Tabilħaqq, l-intelliġenza artifiċjali għandha l-potenzjal li taċċellera l-iskoperta xjentifika u ttejjeb il-kapaċitajiet ta' riċerka fl-oqsma kollha. Għalhekk, huwa essenzjali li l-utenti privati u pubbliċi tal-IA fl-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs (Small and Medium-sized Enterprises) u l-iscaleups, jibbenefikaw minn infrastrutturi tas-supercomputing tal-ogħla klassi sabiex tiġi sostnuta u avvanzata t-tmexxija tal-Ewropa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

(8) Il-Boxxla għall-Kompetittività tal-Kummissjoni Ewropea, adottata fid-29 ta' Jannar 2025, tidentifika teknoloġiji strateġiċi li jinkludu t-teknoloġiji kwantistiċi u l-computing ta' prestazzjoni għolja bħala pilastri essenzjali sabiex jiġu żgurati s-sovranità teknoloġika, ir-reżiljenza ekonomika, u t-tmexxija globali tal-Ewropa. Il-Boxxla tenfasizza l-ħtieġa għal investimenti kkoordinati u għall-iżvilupp tal-ekosistema fir-riċerka, fl-infrastruttura, fl-industrija u fil-ħiliet sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'dawn l-oqsma.

(9) Sabiex tikkomplementaha, l-Istrateġija Kwantistika Ewropea, li se tiġi adottata f'Lulju 2025, tistabbilixxi qafas komprensiv sabiex jiġu aċċellerati r-riċerka kwantistika, l-innovazzjoni, l-industrijalizzazzjoni, u l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji u tal-infrastrutturi kwantistiċi. Din għandha l-għan li tibni ekosistema kwantistika sostenibbli u kompetittiva, li tkopri l-computing, il-komunikazzjoni, ir-rilevament u l-metroloġija, b'enfasi kbira fuq l-iżvilupp tal-ħiliet kif ukoll fuq il-kooperazzjoni internazzjonali.

(10) Fid-dawl tal-importanza politika ta' din l-inizjattiva, l-ammonti inizjalment allokati minn Orizzont Ewropa, mill-Programm Ewropa Diġitali u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jenħtieġ li jiżdiedu sabiex jippermettu lill-Unjoni tilħaq l-objettiv tagħha, dment li jkun hemm id-disponibbiltà baġitarja.

---

11 https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/commission-sets-course-europes-ai-leadership-ambitious-ai-continent-action-plan

(11) Minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi fil-qasam u l-adattament tal-politika tal-Unjoni dwar l-IA, fis-snin li ġejjin jista' jkun meħtieġ finanzjament addizzjonali sinifikanti possibbli tal-Unjoni għall-gigafabbriki tal-IA. Fid-dawl ta' dan il-kuntest ta' politika speċifiku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Impriża Konġunta tiġi fdata b'finanzjament tal-Unjoni addizzjonali li jmur lil hinn mill-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 5(1). Jenħtieġ li l-membri l-oħrajn tal-Impriża Konġunta minbarra l-Unjoni tal-anqas jilħqu t-tali kontribuzzjoni addizzjonali.

(12) Sabiex jiġi aċċellerat l-iżvilupp tal-Gigafabbriki tal-IA madwar l-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-allokazzjonijiet li fadlilhom mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) sabiex jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet nazzjonali tagħhom għal Gigafabbrika tal-IA. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jipprovdu kontribuzzjonijiet lill-Impriża Konġunta bl-għan li jappoġġaw proġetti tal-Gigafabbriki tal-IA.

(13) Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jsiru kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-Unjoni għal gigafabbriki tal-IA minn programmi oħrajn, mhux elenkati fl-Artikolu 5(1), billi jiġu ffirmati ftehimiet ta' kontribuzzjoni *ad hoc* speċifiċi, soġġetti għal kontribuzzjoni proporzjonata minn membru wieħed jew aktar tal-Impriża Konġunta minbarra l-Unjoni. Deskrizzjoni ċara tal-użu maħsub tal-fondi fdati, kif ukoll skeda taż-żmien għall-implimentazzjoni għandhom jiġu inklużi fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni korrispondenti f'konformità mal-programm ta' ħidma rilevanti tal-Kummissjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1173 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(2) jiżdied il-punt (3c) li ġej:

(3c) "Gigafabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" jew "Gigafabbrika tal-IA" tfisser faċilità fuq skala kbira mill-aktar avvanzata b'kapaċità suffiċjenti sabiex tittratta ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ – l-iżvilupp, it-taħriġ, l-irfinar, u l-inferenza fuq skala kbira – ta' mudelli u ta' applikazzjonijiet kbar ħafna tal-IA, li tipprovdi infrastruttura tas-servizz tas-supercomputing, li hija magħmula minn kapaċità tal-computing ottimizzata għall-IA, infrastruttura taċ-ċentru tad-data ta' sostenn (inklużi ħżin u networking ta' kapaċità għolja), ambjenti ta' aċċess tal-utenti siguri dedikati fuq il-cloud, u servizzi speċjalizzati siguri ta' appoġġ orjentati lejn l-IA għall-operazzjonijiet avvanzati tagħha u hija appoġġata minn sistema ambjentalment sostenibbli ta' provvista tal-enerġija.

(3) jiżdied il-punt (3d) li ġej:

(3d) "Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali" jew "Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA" tfisser assoċjazzjoni ta' entitajiet legali debitament inkorporati fl-Unjoni li jingħaqdu flimkien f'konsorzju bl-għan li jistabbilixxu u joperaw Gigafabbrika tal-IA u li tispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi ta' dawn l-entitajiet għat-tul tal-ħajja tal-Gigafabbrika tal-IA, jew entità legali ġdida stabbilita għall-fini li tistabbilixxi u topera Gigafabbrika tal-IA, u li għandha forma ġuridika rikonoxxuta fi kwalunkwe Stat Membru. Il-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA għandu jiġi stabbilit għal durata minima ta' 5 snin. Wieħed jew aktar minn dawn is-sħab

privati ta' konsorzju bħal dan jistgħu jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-Membri Privati tal-Impriża Konġunta.

(4) jiżdied il-punt (3e) li ġej:

(3e) "Koordinatur tal-Gigabbriki tal-IA" tfisser entità legali, debitament inkorporata fl-Unjoni u li tkun teżisti b'mod validu skont il-liġijiet ta' Stat Membru ta' stabbiliment, li tkun legalment awtorizzata tirrappreżenta l-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA u li jkollha l-kapaċità u l-awtorità legali li tidħol fi Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA, teżegwih, u twettqu; il-koordinatur tal-Gigafabbriki tal-IA għandu jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu fl-Unjoni u għandu jkun taħt kontroll, direttament jew indirettament, permezz ta' interess ta' sjieda jew permezz ta' mezzi oħrajn, kif definit fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 2024/1624 u fil-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni rilevanti tal-Unjoni, ta' entitajiet legali jew ta' persuni fiżiċi stabbiliti fl-Unjoni. Il-koordinatur jista' jkun ukoll entità tal-hosting eżistenti li tirrappreżenta Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru jew konsorzju ta' Stati Parteċipanti tal-hosting.

(5) jiżdied il-punt (3f) li ġej:

(3f) "Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA" tfisser ftehim amministrattiv bejn l-Impriża Konġunta u l-Koordinatur tal-Gigafabbriki tal-IA għall-hosting u għall-operat ta' Gigafabbrika tal-IA.

(6) jiżdied il-punt (3g) li ġej:

(3g) "entità tal-hosting tal-Gigafabbriki tal-IA" tfisser entità legali li tkun ġiet deżinjata mill-konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA sabiex tospita u topera Gigafabbrika tal-IA u s-servizzi tagħha, u li tkun stabbilita fi Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru.

(7) jiżdied il-punt (3h) li ġej:

(3h) il-"Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-Gigafabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali" huwa ftehim bejn l-Impriża Konġunta u pajjiż terz li jispeċifika l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-Gigafabbriki tal-IA għall-entitajiet legali taħt kontroll, direttament jew indirettament, permezz ta' interess ta' sjieda jew permezz ta' mezzi oħrajn, ta' entitajiet legali jew ta' persuni fiżiċi stabbiliti f'dak il-pajjiż terz.

(8) jiżdied il-punt (19a) li ġej:

(19a) "Ċentru nazzjonali ta' Kompetenza kwantistika" tfisser entità legali, jew konsorzju ta' entitajiet legali, stabbilit fi Stat Parteċipanti, li jipprovdi lill-utenti mill-industrija, inklużi l-SMEs, l-akkademiċi, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi b'aċċess fuq talba għal teknoloġiji, għal għodod, għal applikazzjonijiet u għal servizzi kwantistiċi, kif ukoll għal infrastrutturi kwantistiċi nazzjonali jew Ewropej, u li joffri għarfien espert, ħiliet, taħriġ, networking u sensibilizzazzjoni.

(9) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(10) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Il-missjoni tal-Impriża Konġunta għandha tkun li tiżviluppa, timplimenta, testendi u żżomm fl-Unjoni ekosistema tal-infrastruttura federata, sigura, iperkonnessa u tal-ogħla klassi tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku, tas-servizzi u tad-data. Għandha tappoġġa wkoll l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' sistemi innovattivi u kompetittivi tas-supercomputing orjentati lejn id-domanda u mmexxijin mill-utenti u ta' teknoloġiji u ta' sistemi kwantistiċi fuq il-bażi ta' katina tal-provvista li tiżgura li l-komponenti, it-teknoloġiji u l-għarfien li jillimitaw ir-riskju ta' interruzzjonijiet u l-

iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ottimizzati għal dawn is-sistemi; u, li twessa' l-użu ta' dik l-infrastruttura tas-supercomputing għal numru kbir ta' utenti pubbliċi u privati u tappoġġa t-tranżizzjoni doppja u l-iżvilupp tal-ħiliet ewlenin għax-xjenza u għall-industrija Ewropej.

(11) Il-punt (fa) li ġej jiżdied mal-paragrafu 2:

(fa) tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni xjentifiċi u applikati mill-aktar avvanzati fit-teknoloġiji kwantistiċi, it-tranżizzjoni tagħhom mil-laboratorju għall-fabbrika, u l-implimentazzjoni, l-adozzjoni u l-integrazzjoni tagħhom f'infrastrutturi kwantistiċi tal-ogħla klassi, għall-bini ta' ekosistema kwantistika dinamika, innovattiva u reżiljenti madwar l-UE, u għall-iżgurar tat-tmexxija xjentifika u industrijali, tal-kompetittività, tal-awtonomija strateġika u tas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni fil-computing, fil-komunikazzjoni u fir-rilevament kwantistiċi.

(12) Il-punt (h) fil-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

(h) tiżviluppa u topera Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali, u tappoġġa l-istabbiliment tal-Gigafabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali u s-servizzi tagħhom u l-aċċess għalihom, b'sostenn tal-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali kompetittiva ħafna u innovattiva fl-Unjoni.

(13) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-Impriża Konġunta għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-interessi tal-Unjoni meta takkwista supercomputers u tappoġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji, ta' sistemi u ta' applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-kwantum. Għandha tippermetti approċċ ta' kodisinn għall-akkwist ta' supercomputers tal-ogħla klassi, filwaqt li tissalvagwardja s-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji u tas-sistemi akkwistati. Għandha tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni, tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji u ta' applikazzjonijiet li jsaħħu l-ktajjen tal-provvista Ewropej tat-Teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u Kwantistiċi u tippromwovi l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi li jindirizzaw numru kbir ta' ħtiġijiet relatati ma' użi xjentifiċi, soċjetali, ambjentali, industrijali u tas-sigurtà.

(14) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(15) jiżdied il-punt (i) li ġej mal-paragrafu 1:

(i) il-pilastru tal-Gigafabbriki tal-IA, li jkopri l-attivitajiet tal-Gigafabbriki tal-IA, li fl-operat tagħhom jistgħu jkunu konnessi man-network tal-EuroHPC tal-Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali sabiex jiġu żgurati integrazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien mingħajr xkiel fl-ekosistema Ewropea tal-Intelliġenza Artifiċjali; dan il-pilastru għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

(i) il-provvista ta' infrastruttura tal-computing tal-Intelligence Artifiċjali tal-ogħla klassi għar-riċerkaturi, għall-imprendituri, u għall-industriji Ewropej,

(ii) l-abilitazzjoni tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda tal-Intelliġenza Artifiċjali fis-setturi pubbliċi u privati kollha u

(iii) l-iżgurar tal-kompetittività u tas-sovranità tal-Unjoni bħala kontinent tal-Intelliġenza Artifiċjali.

(16) jiżdied il-punt (j) li ġej mal-paragrafu 1:

(j) Il-pilastru tat-teknoloġiji kwantistiċi, li jindirizza l-ekosistema kwantistika sħiħa u l-oqsma ta' applikazzjoni tal-computing u tas-simulazzjoni kwantistiċi, tal-komunikazzjoni kwantistika, u tar-rilevament u tal-metroloġija kwantistiċi, filwaqt li jiżgura s-sigurtà u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista kwantistika u tat-teknoloġiji abilitanti tagħha. L-attivitajiet għandhom jindirizzaw, fost l-oħrajn:

(a) Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Xjentifiċi u Teknoloġiċi: L-avvanz tal-eċċellenza fir-riċerka fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija kwantistiċi.

(b) It-tranżizzjoni mil-laboratorju għall-fabbrika u l-iżvilupp tal-ekosistemi: L-appoġġ għall-iżvilupp u għall-varar ta' infrastrutturi kwantistiċi mill-aktar avvanzati; it-trawwim tal-industrijalizzazzjoni tat-teknoloġiji kwantistiċi billi tiġi appoġġata l-adozzjoni tal-applikazzjonijiet kwantistiċi f'setturi pubbliċi u industrijali ewlenin, filwaqt li tiġi żgurata t-traduzzjoni tal-avvanzi fl-oqsma kwantistiċi kollha f'applikazzjonijiet tad-dinja reali, inkluż l-iżvilupp ta' swieq ewlenin; il-promozzjoni tal-istandards Ewropej u internazzjonali; u, l-appoġġ għall-iżvilupp u għan-networking taċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza kwantistika madwar l-Ewropa.

(c) Il-Ħiliet u t-Talent: L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kompetittiva u inklużiva fir-riċerka kwantistika u fl-inġinerija permezz ta' inizjattivi koordinati ta' edukazzjoni, ta' taħriġ u ta' mobilità, fost dixxiplini u oqsma tekniċi ewlenin relatati mal-kwantum.

(d) Il-kooperazzjoni internazzjonali: L-iżvilupp ta' kollaborazzjoni internazzjonali fit-teknoloġiji kwantistiċi sabiex jiġu solvuti l-isfidi xjentifiċi u tas-soċjetà globali, f'konformità mal-objettivi tal-politika esterna u mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.

(17) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(18) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta li tinkludi l-approprjazzjonijiet taż-ŻEE għandha tkun sa EUR 3 972 300 000, li tinkludi EUR 92 000 000 għall-kostijiet amministrattivi, bil-kundizzjoni li l-ammont tal-anqas jintlaħaq mill-kontribuzzjoni ndaqs tal-Istati Parteċipanti, imqassmin b'mod indikattiv kif ġej:

(a) sa EUR 1 660 000 000 minn Orizzont Ewropa

(b) sa EUR 2 012 300 000 mill-Programm Ewropa Diġitali

(c) sa EUR 300 000 000 mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

(19) Jiżdied subparagrafu ġdid fil-Paragrafu 1:

Fondi addizzjonali minn Orizzont Ewropa, mill-Programm Ewropa Diġitali u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jistgħu jikkomplementaw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, bil-kundizzjoni li l-ammonti addizzjonali jkunu tal-anqas daqs il-kontribuzzjoni ta' membru wieħed jew aktar mill-membri tal-Impriża Konġunta minbarra l-Unjoni. Kontribuzzjoni addizzjonali tal-Unjoni bħal din għandha tkun iddedikata esklużivament għall-pilastru msemmi fl-Artikolu 4(1)(i). Dawn il-fondi addizzjonali ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni.

(20) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Jistgħu jiġu allokati fondi addizzjonali minn kwalunkwe programm tal-Unjoni u li jikkomplementaw dawk imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Impriża Konġunta sabiex jappoġġaw il-pilastri tal-attivitajiet tagħha msemmijin fl-Artikolu 4, ħlief dawk imsemmijin fl-Artikolu 4(1)(a). Dawn il-fondi addizzjonali ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni.

(21) Jiżdied paragrafu 4a ġdid:

Għall-kontribuzzjonijiet fdati lill-Impriża Konġunta f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, huma applikabbli r-rekwiżiti tal-Artikolu 158 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Meta dawn il-kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-Unjoni jkunu relatati mal-pilastru msemmi fl-Artikolu 4(1)(i), wieħed jew aktar mill-membri għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali proporzjonati għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni.

(22) Jitħassar il-paragrafu 6.

(23) Jitħassar il-paragrafu 7.

(24) Jitħassar il-paragrafu 8.

(25) Jiżdied l-Artikolu 12b li ġej:

"Artikolu 12b"

Gigafabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali

1. Gigafabbrika tal-IA għandha tkun tinsab fi Stat Membru. Dan għandu jkun appoġġat finanzjarjament minn sħubija bejn l-Unjoni u Stat Parteċipanti wieħed jew aktar, irrappreżentat permezz tal-Impriża Konġunta, u Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA, li jista' jinkludi fornitur wieħed jew aktar tal-infrastruttura tat-teknoloġija, irrappreżentat legalment minn Koordinatur tal-Gigafabbriki tal-IA.

2. Il-parteċipazzjoni f'Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA ta' entitajiet legali minn Stati mhux Parteċipanti tista' tkun soġġetta għal restrizzjonijiet jew għal esklużjoni meta t-tali parteċipazzjoni titqies li tmur kontra l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/695, ir-Regolament (UE) 2021/694 u r-Regolament (UE) 2021/1153, is-sejħa għal espressjoni ta' interess għall-għażla ta' Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA tista' tillimita l-parteċipazzjoni fl-imsemmi Konsorzju għal entitajiet legali stabbiliti biss fl-Istati Parteċipanti jew għal entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi assoċjati speċifikati tal-Programm Qafas Orizzont Ewropa, tal-Programm Ewropa Diġitali u ta' kwalunkwe programm ta' finanzjament rilevanti sussegwenti tal-Unjoni, jew f'pajjiżi terzi parteċipanti oħrajn. Ir-restrizzjonijiet u l-esklużjonijiet imsemmijin f'dan il-paragrafu fil-prinċipju ma għandhomx japplikaw għall-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi, li ffirmaw Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-Gigafabbriki tal-IA jew ftehim simili mal-Unjoni. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess għall-għażla ta' Gigafabbrika tal-IA tista' tispeċifika li l-entitajiet legali f'pajjiżi terzi oħrajn jistgħu jkunu eliġibbli dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn dawk l-entitajiet legali sabiex jiggarantixxu l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri u sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' informazzjoni dwar dokumenti klassifikati. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu stabbiliti fil-programm ta' ħidma.

3. Il-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA għandu jibbenefika mill-provvista espliċita ta' dokument ta' sostenn xieraq li jagħti prova tal-impenn tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità li tospita l-Gigafabbrika tal-IA, jew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Parteċipanti tal-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5 għandha tkopri sa 17 % tal-investimenti tan-nefqa kapitali (CAPEX) tal-infrastruttura tal-computing ġenerali tal-Gigafabbrika tal-IA, jew għal xiri garantit miftiehem minn qabel ta' ħin ta' aċċess għall-Gigafabbrika tal-IA ekwivalenti għal kapaċità lokata tal-CAPEX. Jenħtieġ li Stat Parteċipanti wieħed jew aktar tal-anqas jilħaq il-kontribuzzjoni tal-Unjoni. L-investiment li jifdal kif ukoll in-nefqa operazzjonali (OPEX) tal-Gigafabbrika tal-IA għandhom ikunu koperti mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA.

5. Fabbrika tal-IA magħżula tista' tikber b'mod sostanzjali sabiex issir Gigafabbrika tal-IA. F'każ bħal dan, l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni diġà pprovdut għal din il-Fabbrika tal-IA għandu jingħadd bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-CAPEX tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA. Il-ftehim ta' hosting tal-Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali msemmi fl-Artikolu 10 għandu jiġi mmodifikat kif xieraq, meta dan ikun xieraq. L-investiment addizzjonali fil-Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali kkonċernata sabiex issir Gigafabbrika tal-IA kif ukoll in-nefqa operazzjonali (OPEX) tal-Gigafabbrika tal-IA għandu jkun kopert mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA.

6. L-Istati Parteċipanti li huma Stati Membri jistgħu, bi ftehim reċiproku mal-Impriża Konġunta, jgħaddu l-kontribuzzjonijiet volontarji rispettivi tagħhom, inklużi dawk imsemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u kwalunkwe wieħed ieħor minbarra dawn, b'mod totali jew parzjali, lil Gigafabbrika speċifika tal-IA permezz tal-Impriża Konġunta, li mbagħad għandha tamministra u tqassam dawn il-fondi f'isimhom lill-Gigafabbrika tal-IA deżinjata.

7. L-Impriża Konġunta għandha tkun proprjetarja tal-parti tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni speċifikata fil-paragrafi 4 u 5. Id-durata ta' din is-sjieda jew tal-kapaċità lokata msemmija fil-paragrafu 4 għandha tkun ta' mill-inqas 5 snin mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-Gigafabbrika tal-IA u speċifikata ulterjorment fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA. Din id-durata għandha tiġi estiża f'każ ta' titjib sostanzjali tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA. Mingħajr preġudizzju għall-istralċ tal-Impriża Konġunta, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4) tal-Istatuti, din is-sjieda għandha tiġi ttrasferita f'konformità mal-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA jew tiġi estiża għal perjodu miftiehem skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA. Fil-każ ta' trasferiment tas-sjieda lill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA, il-valur residwu tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbriki tal-IA għandu jiġi kkonvertit fi drittijiet ta' aċċess ekwivalenti għall-Unjoni. Jekk ma jkun hemm l-ebda trasferiment tas-sjieda lill-konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA skont il-Ftehim ta' Hosting, iżda deċiżjoni għad-dekummissjonar, il-kostijiet rilevanti għandhom jiġġarrbu mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA.

8. Id-drittijiet ta' aċċess tal-Unjoni u tal-Istati Parteċipanti fil-Gigafabbrika tal-IA għandhom ikunu direttament proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi tagħhom għall-CAPEX tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA, jew għax-xiri garantit tal-ħin ta' aċċess miftiehem minn qabel għall-Gigafabbrika tal-IA.

9. Il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta għandu jiddetermina:

   (a) il-kundizzjonijiet tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-Gigafabbriki tal-IA,

(b) ir-regoli speċifiċi għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-Gigafabbriki tal-IA li jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-ħin ta' aċċess għall-proġetti u għall-attivitajiet meqjusin bħala strateġiċi għall-Unjoni.

10. Meta jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni skont il-paragrafu 9, il-Bord ta' Tmexxija għandu jiżgura li l-aċċess għandu:

(a) jingħata lill-utenti li jirrisjedu, li jkunu stabbiliti jew li jinsabu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm Ewropa Diġitali, lil Orizzont Ewropa jew lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

(b) ikun mingħajr ħlas għall-utenti minn entitajiet regolati bid-dritt pubbliku. Dan għandu wkoll ikun mingħajr ħlas għal utenti industrijali għall-applikazzjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ffinanzjati minn Orizzont Ewropa, mill-Programm Ewropa Diġitali, jew mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, kif ukoll dawk mogħtijin Siġill ta' Eċċellenza taħt Orizzont Ewropa jew il-Programm Ewropa Diġitali u għall-attivitajiet ta' innovazzjoni privati tal-SMEs (Small and Medium-sized Enterprises) u tal-iscale-ups, meta xieraq;

(c) jinkludi r-riżorsi tal-computing riżervati speċifikament għal proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE, filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà garantita u l-prijorità tal-iskedar.

11. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jimmonitorja s-sehem tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għat-tipi differenti ta' utenti, definit fil-punt (a) tal-paragrafu 10. F'każ li jkun hemm żbilanċ sinifikanti fl-ishma tal-ħin ta' aċċess bejn it-tipi differenti ta' utenti meta mqabblin mad-domanda, huwa għandu jieħu azzjoni korrettiva xierqa sabiex jindirizza dan l-iżbilanċ.

12. Il-kontribuzzjonijiet mill-Unjoni jew mill-Istati Parteċipanti għandhom ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmijin f'dan il-paragrafu għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA dedikat bejn l-Impriża Konġunta u l-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA. Il-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA għandu jkun irregolat bid-dritt tal-Unjoni, issupplimentat, għal kwalunkwe kwistjoni mhux koperta minn dan ir-Regolament jew minn atti legali oħrajn tal-Unjoni, bid-dritt tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-entità tal-hosting. Il-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA għandu:

(a) jistabbilixxi fid-dettall l-istruttura tas-sjieda u tal-governanza tal-Gigafabbrika tal-IA;

(b) jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw skrutinju u kontroll effettivi tal-Gigafabbrika tal-IA mill-Unjoni għas-salvagwardja tal-assi strateġiċi, tal-interessi, tal-awtonomija jew tas-sigurtà tal-Unjoni;

(c) jispeċifika l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni, tal-Istati Parteċipanti u tas-sħab pubbliċi u/jew privati tal-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA, inkluż il-ħin ta' aċċess garantit għall-Gigafabbrika tal-IA msemmi fil-paragrafu 8, kif xieraq, u d-durata tiegħu;

(d) jispeċifika, jekk ikun xieraq, kwalunkwe interess ieħor tal-Unjoni li jirriżulta minn kwalunkwe investiment tal-Unjoni regolat bi ftehimiet ta' investiment speċifiċi bejn il-konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA u l-InvestEU;

(e) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà għall-utenti mhux tal-Unjoni ta’ Gigafabbrika tal-IA; dawn għandhom jikkonformaw mal-istess kundizzjonijiet bħall-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà speċifikati fil-paragrafu 2;

(f) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet dettaljati għall-aċċess għall-utenti tal-Unjoni u l-modalitajiet ta’ rendikont tal-ħinijiet ta’ aċċess għas-servizzi tal-Gigafabbrika tal-IA;

(g) il-kwalità tas-servizz offrut lill-utenti tal-Impriża Konġunta meta joperaw il-Gigafabbrika tal-IA, kif stabbilit fil-ftehim dwar il-livell ta’ servizz inkluż fil-Ftehim ta’ Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA;

(h) jistabbilixxi l-modalitajiet tal-akkwist, tal-operat u tal-użu tad-data u tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA, inklużi r-rekwiżiti tal-utenti mis-settur pubbliku, meta jkun xieraq; meta l-Konsorzju ta’ Gigafabbriki tal-IA jinkludi fornitur wieħed jew aktar tal-infrastruttura tat-teknoloġija, il-Ftehim ta’ Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA għandu jinkludi l-forniment ta’ salvagwardji msaħħin kontra kunflitti ta’ interess li jikkonċernaw lil dawn il-fornituri;

(i) il-kundizzjonijiet għat-trasferiment tas-sjieda msemmija fil-paragrafu 7, meta jkun xieraq;

(j) jagħti d-dettalji dwar l-estensjoni tas-sjieda jew tal-ħin ta’ aċċess mixtri, garantit u miftiehem minn qabel, kif xieraq, u l-kundizzjonijiet tat-tneħħija gradwali għall-Gigafabbrika tal-IA, meta xieraq;

(k) il-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà għat-tħaddim tal-Gigafabbrika tal-IA, meta xieraq;

(l) l-obbligu tal-entità tal-hosting tal-Gigafabbrika tal-IA li sal-31 ta’ Jannar ta’ kull sena tippreżenta lill-Bord ta’ Tmexxija rapport tal-awditjar u data dwar l-użu tal-ħin ta’ aċċess fis-sena kontabilistika preċedenti;

(m) ikun fih klawżola ta’ arbitraġġ, skont it-tifsira tal-Artikolu 272 tat-TFUE, li tagħti ġuriżdizzjoni fuq kull materja koperta mill-ftehim ta’ hosting lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

13. Il-Gigafabbrika tal-IA għandha tinkludi korp ta’ governanza pubblika magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni u mill-Istati Parteċipanti li jipprovdu finanzjament pubbliku lill-Gigafabbrika tal-IA speċifika. Mingħajr preġudizzju għall-ġestjoni u għall-awtonomija operazzjonali tal-konsorzju ta’ Gigafabbriki tal-IA, u sabiex jiġi żgurat allinjament mal-objettivi ta’ interess pubbliku li jirfdu l-finanzjament pubbliku, l-elementi li ġejjin għandhom jeħtieġu approvazzjoni espliċita minn qabel mill-korp ta’ governanza pubblika deżinjat:

(a) Kwalunkwe ftehim ta’ aċċess propost ma’ entitajiet minn pajjiżi terzi li jistgħu jqajmu tħassib dwar l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni;

(b) Bidliet sostanzjali fl-istruttura jew fil-kontroll legali u finanzjarju li jkollhom impatt fuq l-interessi tal-Unjoni jew fuq dawk tal-Istati Parteċipanti, bħal bidla fis-sjieda finali jew fil-kontroll tal-Gigafabbrika tal-IA, kwalunkwe rilokazzjoni ta’ assi kritiċi barra mill-Unjoni jew deċiżjoni kbira dwar ristrutturar finanzjarju;

(c) Bidla sinifikanti fl-iskop strateġiku tal-Gigafabbriki tal-IA.

14. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, il-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA għandu jintgħażel mill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta permezz ta' proċess ġust u trasparenti, bl-appoġġ ta' bord ta' esperti indipendenti u ta' istituzzjoni finanzjarja akkreditata maħtura mill-Bord ta' Tmexxija għall-evalwazzjoni, fuq il-bażi, fost l-oħrajn, tal-kriterji li ġejjin:

(a) Evalwazzjoni teknika:

(1) L-objettivi u l-kwalità teknika tal-proposta

(2) Il-kwalità tal-pjan ta' ħidma

(3) Il-kwalità tal-infrastruttura fiżika, tal-IT u tan-networking

(4) Is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika

(5) L-esperjenza u l-għarfien prattiku tal-konsorzju fl-istabbiliment ta' faċilitajiet simili fuq skala kbira.

(b) L-Impatt Potenzjali:

(1) Il-kwalità tas-servizz, inklużi s-sigurtà u l-affidabbiltà

(2) L-impatt fuq l-ekosistema Ewropea tal-IA

(3) Il-valur miżjud tal-UE.

(c) Il-Fattibbiltà Finanzjarja:

(1) L-impenji ta' investiment tal-Istati Parteċipanti u tal-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA

(2) Il-kwalità u l-vijabbiltà finanzjarja tal-mudell ta' direzzjoni tan-negozju propost (inkluża diliġenza dovuta li għandha titwettaq mill-istituzzjoni finanzjarja akkreditata maħtura).

15. Meta l-Konsorzju ma jkunx jinkludi fornitur wieħed jew aktar tal-infrastruttura tat-teknoloġija, il-fornituri tal-Gigafabbrika tal-IA għandhom jintgħażlu mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA fuq il-bażi ta' speċifikazzjonijiet ġusti u trasparenti tal-offerta li għandhom iqisu l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali tas-sistema, u b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-utenti mis-settur pubbliku, ipprovduti mill-Unjoni fis-sejħa għal espressjoni ta' interess u speċifikati ulterjorment fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA. L-għażla għandha tkun ibbażata fuq kriterji ġusti, miftuħa u trasparenti, u għandha tiżgura wkoll il-valur miżjud tal-UE u tindirizza s-sigurtà u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista. L-offerenti magħżulin għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà speċifikati fil-paragrafu 2.

16. L-Impriża Konġunta tista' tistabbilixxi kuntratti qafas għall-forniment ta' komponenti essenzjali u ta' domanda għolja, bħal proċessuri avvanzati tal-IA. Il-konsorzji ta' Gigafabbriki tal-IA jistgħu jużaw il-kuntratti qafas imsemmijin f'dan il-paragrafu għall-akkwist tagħhom.

(26) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(27) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Mingħajr preġudizzju tal-Artikolu 17(9), l-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għandu jkun miftuħ għal applikazzjonijiet mis-setturi pubbliċi u privati. Ħlief għas-supercomputers tal-EuroHPC ta' grad industrijali, l-użu tagħhom għandu jkun primarjament għal finijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni li jaqgħu taħt il-programmi

ta' finanzjament pubbliku, għal applikazzjonijiet tas-settur pubbliku u għal attivitajiet privati ta' innovazzjoni tal-SMEs, fejn xieraq.

*Anness*

L-Anness huwa emendat kif ġej:

(28) L-Artikolu 3 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(29) Il-paragrafu 2 huwa emendat:

Kwalunkwe applikazzjoni ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz assoċjat ma' Orizzont Ewropa jew mal-Programm Ewropa Diġitali għal sħubija fl-Impriża Konġunta għandha tiġi indirizzata lill-Bord ta' Tmexxija. Il-pajjiżi kandidati għandhom jipprovdu aċċettazzjoni bil-miktub ta' dawn l-Istatuti, u ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra li tirregola l-funzjonament tal-Impriża Konġunta. Il-kandidati għandhom jipprovdu wkoll il-motivazzjoni tagħhom għat-talba ta' sħubija fl-Impriża Konġunta u jindikaw kif l-istrateġija nazzjonali tagħhom għas-supercomputing jew <u>għat-teknoloġija kwantistika</u> hija allinjata mal-objettivi tal-Impriża Konġunta. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jivvaluta l-applikazzjoni, filwaqt li jqis ir-rilevanza u l-potenzjal ta' valur miżjud tal-kandidat fir-rigward tat-twettiq tal-missjoni u tal-ilħuq tal-objettivi tal-Impriża Konġunta u jista' jiddeċiedi li jitlob kjarifiki dwar il-kandidatura qabel ma japprova l-applikazzjoni.

(30) L-Artikolu 4 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(31) fil-paragrafu 1 jiżdied il-punt (d) li ġej:

(d) il-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika.

(32) L-Artikolu 5 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(33) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

(3) Għall-pilastru kwantistiku tal-attivitajiet, l-Istati Parteċipanti għandhom jaħtru rappreżentant mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fil-qasam tat-teknoloġiji kwantistiċi.

(34) L-Artikolu 6 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(35) jiżdied il-paragrafu 5a li ġej:

(5 a) Għall-kompiti msemmijin fl-Artikolu 7(4a) ta' dawn l-Istatuti, u għal kull Gigafabbrika tal-IA, id-drittijiet tal-vot tal-Istati Parteċipanti għandhom jitqassmu skont il-kontribuzzjonijiet finanzjarji impenjati tagħhom u skont il-kontribuzzjonijiet *in natura* tagħhom għal dik il-Gigafabbrika tal-IA sa tmiem il-ftehim ta' hosting tal-Gigafabbrika tal-IA; il-kontribuzzjonijiet *in natura* għandhom jitqiesu biss jekk ikunu ġew iċċertifikati *ex ante* minn espert jew minn awditur indipendenti.

Għall-fini ta' dan il-paragrafu, id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri assenti.

(36) il-paragrafu 6 li ġej huwa emendat:

(6) Għall-kompiti msemmijin fl-Artikolu 7(5), 7(5a), 7(6) u 7(7) ta' dawn l-Istatuti, id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jittieħdu f'żewġ stadji.

(37) L-Artikolu 7 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(38) jiżdied il-paragrafu 4a li ġej:

(4a) Il-Bord ta' Tmexxija għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin relatati mal-Gigafabbriki tal-IA msemmija fl-Artikolu 12b ta' dan ir-Regolament:

(a) jiddiskuti u jadotta l-parti tal-programm strateġiku pluriennali li hija relatata mal-istabbiliment tal-Gigafabbriki tal-IA msemmi fl-Artikolu 18(1) ta' dawn l-Istatuti;

(b) jiddiskuti u jadotta l-parti tal-programm ta' ħidma annwali li hija relatata mal-istabbiliment ta' Gigafabbriki tal-IA u l-għażla ta' Konsorzji ta' Gigafabbriki tal-IA u mal-istimi tan-nefqa korrispondenti;

(c) japprova t-tnedija tas-sejħiet għal espressjoni ta' interess, f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali;

(d) japprova l-għażla tal-Konsorzji ta' Gigafabbriki tal-IA li jistabbilixxu u joperaw il-Gigafabbriki tal-IA;

(e) jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-Gigafabbriki tal-IA

(f) japprova kwalunkwe offerta relatata mal-istabbiliment ta' Gigafabbrika tal-IA magħżula għall-finanzjament;

(g) japprova l-kuntratti qafas stabbiliti mill-Impriża Konġunta EuroHPC għall-forniment ta' komponenti essenzjali u ta' domanda għolja tal-Gigafabbriki tal-IA.

(39) jiżdied il-paragrafu 5a li ġej:

(5 a) Għall-Pilastru Kwantistiku tal-attivitajiet, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(5) ta' dawn l-Istatuti, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet relatati mal-akkwist u mal-operat tal-kompjuters kwantistiċi f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(4) ta' dawn l-Istatuti.

(40) L-Artikolu 10 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(41) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkun magħmul mill-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni, minn Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura u minn Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika.

(42) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

(7) Il-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn tnax-il membru, li minnhom mhux aktar minn sitta għandhom jinħatru mill-Membri Privati b'kont meħud tal-impenji tagħhom mal-Impriża Konġunta u mhux aktar minn sitta għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija, f'konformità mal-Artikolu 7(3)(k) ta' dawn l-Istatuti.

(43) Jiżdied l-Artikolu 12a li ġej:

Artikolu 12a

*Il-funzjonament tal-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika*

1. Il-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena.

2. Il-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika jista' jaħtar gruppi ta' ħidma meta jkunu neċessarji, taħt il-koordinazzjoni ġenerali ta' wieħed jew aktar mill-membri.

3. Il-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika għandu jeleġġi l-president tiegħu.

4. Il-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, inkluża n-nomina tal-entitajiet kostitwenti li għandhom jirrappreżentaw lill-Grupp Konsultattiv u d-durata tan-nomina tagħhom.

(44) Jiżdied l-Artikolu 14a li ġej:

Artikolu 14a

*Il-kompiti tal-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika*

1. Il-Grupp Konsultattiv għall-Istrateġija Kwantistika għandu:

(a) ifassal il-kontribut tiegħu għall-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali fir-rigward tal-attivitajiet tat-teknoloġiji kwantistiċi msemmijin fl-Artikolu 20 ta' dawn l-Istatuti u jirrieżaminah regolarment f'konformità mal-evoluzzjoni tad-domanda xjentifika, industrijali u tal-politika;

(b) jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha li jkollhom interess fl-oqsma tat-teknoloġiji kwantistiċi sabiex jinfurmahom u jiġbor feedback dwar l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali u l-abbozz tal-attivitajiet relatati tal-programm ta' ħidma għat-teknoloġiji kwantistiċi għal sena partikolari.

(c) Il-kontribut għall-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jindirizza:

(d) il-prijoritajiet tar-riċerka, tal-innovazzjoni, tal-varar, u tal-infrastruttura strateġiċi għall-iżvilupp u l-adozzjoni tat-teknoloġiji kwantistiċi u għall-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistema diġitali Ewropea, sabiex jiġu appoġġati r-reżiljenza, is-sovranità teknoloġika, u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni filwaqt li jitqies il-potenzjal ta' użu doppju ta' teknoloġiji bħal dawn;

(e) attivitajiet potenzjali ta' kooperazzjoni internazzjonali fit-teknoloġiji kwantistiċi li jżidu l-valur u li huma ta' interess reċiproku filwaqt li jiżguraw allinjament mal-valuri u mal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni

(f) il-prijoritajiet tat-taħriġ, tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp tal-forza tax-xogħol għall-indirizzar tal-kompetenzi ewlenin u tad-diskrepanza fil-ħiliet fit-teknoloġiji kwantistiċi, inkluż l-għarfien dwar applikazzjonijiet sensittivi għas-sigurtà

(g) l-akkwist, il-varar u t-tħaddim ta' infrastrutturi kwantistiċi, inklużi l-interkonnessjoni u l-federazzjoni ma' infrastrutturi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u ma' infrastrutturi diġitali oħrajn bħall-komunikazzjonijiet kwantistiċi u r-rilevament kwantistiku;

(h) miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet, għall-interoperabbiltà, għall-istandardizzazzjoni, għas-sigurtà fil-qasam tat-teknoloġiji kwantistiċi b'kunsiderazzjoni speċifika tar-riskji ta' użu doppju u tal-protezzjoni tal-assi strateġiċi, tal-interessi, tal-awtonomija jew tas-sigurtà tal-Unjoni.

(45) L-Artikolu 16 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

L-impenji baġitarji tal-Impriża Konġunta jistgħu jinqasmu f'pagamenti parzjali annwali. Minn Jannar 2025, tal-anqas 20 % tal-baġit kumulattiv tas-snin residwi ma għandux ikun kopert minn pagamenti parzjali annwali.

*Artikolu 40*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br><br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br><br>*Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ... 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ... 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ... 3

1.3. Objettiv(i) ... 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ... 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ... 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ... 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ... 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ... 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ... 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ... 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ... 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ... 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ... 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ... 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ... 6

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ... 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ... 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ... 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ... 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ... 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ... 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ... 8

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ... 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ... 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ... 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ... 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ... 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ... 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ... 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ... 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ... 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ... 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ... 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ... 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ... 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ... 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ... 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ... 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ... 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ... 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ... 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ... 30
4.2. Data ... 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ... 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ... 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ... 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

L-emenda tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, u l-Investimenti Strateġiċi Ewropej

Ewropa adatta għall-Era Diġitali

(Computing Potenti - Orizzont Ewropa Cluster 4, Diġitali, Industrija u Spazju

Computing ta' Prestazzjoni Għolja – Objettiv Strateġiku Nru 1 tad-DEP (Digital Europe Programme) – Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Diġitali)

### 1.3. Objettiv(i)

*1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

Sabiex tingħata spinta lill-kapaċità tas-supercomputing disponibbli b'appoġġ tal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA billi jiġu abilitati l-istabbiliment u l-varar ta' Gigafabbriki tal-IA madwar l-UE.

Sabiex tkun tista' tiġi implimentata l-viżjoni tal-istrateġija kwantistika tal-UE sabiex l-Ewropa tinbidel f'mutur industrijali kwantistiku u f'mexxej tas-suq globali fit-teknoloġiji kwantistiċi, filwaqt li tinżamm il-pożizzjoni ta' tmexxija xjentifika tagħha.

*1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

<u>Objettiv speċifiku Nru 1</u>

Sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti faċilitajiet infrastrutturali tal-computing tal-IA fuq skala ultra (Gigafabbriki tal-IA), inklużi l-faċilitajiet meħtieġa għall-infrastruttura għall-ħżin tad-data, li kapaċi jappoġġaw l-iżvilupp, it-taħriġ, u l-varar ta' mudelli u ta' applikazzjonijiet tal-IA kbar ħafna fuq skala mingħajr preċedent (eż., mudelli tal-IA b'mijiet ta' triljuni ta' parametri).

Sabiex tiġi pprovduta qawwa tal-computing enormi għat-tagħbijiet tax-xogħol tal-IA, li tisboq bil-bosta lil dik tal-akbar supercomputers eżistenti tal-Fabbriki tal-IA tal-EuroHPC, permezz tal-integrazzjoni ta' ċentri tad-data effiċjenti fl-enerġija, ta' konnettività tan-network b'veloċità għolja, u ta' infrastruttura tal-enerġija reżiljenti essenzjali għat-tħaddim ta' Gigafabbriki tal-IA.

<u>Objettiv speċifiku Nru 2</u>

Sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet fil-katina kollha tal-valur kwantistiku (komponenti, apparati u sistemi) u l-kapaċitajiet tal-infrastruttura kwantistika u tiġi indirizzata l-frammentazzjoni bejn l-inizjattivi Ewropej u nazzjonali kurrenti sabiex tissaħħaħ is-sovranità teknoloġika kwantistika u s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa.

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-Gigafabbriki tal-IA se jipprovdu infrastruttura tad-data u tal-computing tal-ogħla klassi, nattiva u li bħalissa hija nieqsa għall-innovaturi Ewropej (l-istartups, l-

iscaleups, l-industrija), għar-riċerkaturi u għall-partijiet ikkonċernati mis-settur pubbliku. Dawn se jsaħħu l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija Ewropea, billi jippermettu l-iżvilupp ta' mudelli u ta' soluzzjonijiet tal-IA avvanzati fuq skala kbira għal ħafna każijiet ta' użu industrijali u setturi ta' applikazzjoni differenti. Dawn il-Gigafabbriki tal-IA se jistabbilixxu l-pedament għal IA Ewropea verament sovrana, u b'hekk jippermettu l-iżvilupp ta' mudelli avvanzati mħarrġin fuq data Ewropea, irregolati bil-liġijiet tal-UE, u mibnijin fi ħdan qafas fdat, sigur u etiku li jinkorpora l-valuri Ewropej.

Approċċ Ewropew aktar integrat li jkopri t-teknoloġiji kwantistiċi kollha jsaħħaħ il-kompetittività globali u s-sovranità teknoloġika tal-Ewropa, jiżgura t-tmexxija tagħha fit-teknoloġiji kwantistiċi, jgħin fit-tisħiħ u fl-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema Ewropea għall-istartups kwantistiċi li tistagħna għall-espansjoni u għat-titjib tal-kapaċità tagħha li tikkompeti internazzjonalment u tistabbilixxi standards internazzjonali.

### *1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

- In-numru ta' Gigafabbriki tal-IA [sal-2027].
- Il-varar ta' kompjuters kwantistiċi li juru vantaġġ kwantistiku varati sal-2030, li huwa stadju importanti fis-sovranità teknoloġika tal-Ewropa.
- In-numru ta' impjiegi li se jinħolqu fis-settur tat-teknoloġiji kwantistiċi sal-2030, li jappoġġaw l-iżvilupp ta' ekosistema Ewropea b'saħħitha u kompetittiva.
- In-numru ta' soluzzjonijiet kwantistiċi li se jiġu varati f'applikazzjonijiet u f'każijiet ta' użu differenti sal-2030, b'orjentazzjoni ċara tal-impatt fuq ix-xjenza bażika u applikata, fuq l-industrija, u fuq is-settur pubbliku.

## 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[12]

☑ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-Kummissjoni nediet sejħa mhux vinkolanti għal espressjonijiet ta' interess għall-Gigafabbriki tal-IA fid-9 ta' April 2025, bi skadenza għas-sottomissjoni fl-20 ta' Ġunju (ara https://eurohpc-ju.europa.eu/document/download/47492db7-592e-4ad8-b672-9c822f94afa0_en?filename=AI%20GIGAFACTORIES%20CONSULTATION.pdf). Is-sejħa għandha l-għan li tiġbor ideat minn madwar l-Ewropa, tidentifika l-konsorzji potenzjali, u tinforma l-iżvilupp ta' qafas robust dwar il-Gigafabbriki tal-IA. Wara l-iskadenza, il-Kummissjoni se tibda diskussjonijiet strutturati ma' ċerti proponenti u

12 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

mal-Istati Membri ta' appoġġ tagħhom sabiex tgħin fl-elaborazzjoni tal-proposti tagħhom. Il-mira hija li titnieda s-sejħa uffiċjali dwar il-Gigafabbriki tal-IA taħt l-Impriża Konġunta EuroHPC qabel tmiem l-2025. Għalhekk, ir-Regolament emendat jenħtieġ li jkun fis-seħħ sa dak iż-żmien sabiex tkun tista' titnieda s-sejħa.

Sabiex tibda l-implimentazzjoni tal-***istrateġija kwantistika Ewropea***, il-Kummissjoni se tniedi l-ewwel azzjonijiet immirati fil-qasam kwantistiku fuq terminu qasir. Dawn il-passi inizjali se jistabbilixxu l-pedament u joħolqu momentum għall-varar usa' tal-istrateġija. Imbagħad, l-ambitu u l-iskala tal-attivitajiet se jiġu estiżi u intensifikati b'mod progressiv f'konformità mal-adozzjoni antiċipata, fl-2026, tal-Att dwar il-Kwantum, filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa u jiġu mmassimizzati l-opportunitajiet ladarba l-Att ikun fis-seħħ.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*)

L-inizjattiva tal-Gigafabbriki tal-IA hija kandidat naturali għal azzjoni Ewropea koordinata, li tallinja mal-istrateġija tal-JU (Joint Undertaking) EuroHPC u li tisfrutta l-aktar strumenti legali xierqa tal-UE għall-implimentazzjoni. Minħabba l-kobor tal-inizjattiva, fuq l-iskala ta' bejn tlieta u ħames biljun euro għal kull unità tal-Gigafabbrika tal-IA individwali, huwa biss billi tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE li l-Ewropa tkun tista' tiġbor flimkien ir-riżorsi, l-għarfien espert u l-finanzjament sabiex tiġġenera l-massa kritika meħtieġa għall-akkwist ta' data tal-IA u għall-infrastruttura tal-computing tal-ġenerazzjoni li jmiss. Dan il-livell ta' ambizzjoni ma jistax jinkiseb permezz ta' sforzi nazzjonali frammentati waħedhom. Il-qafas dwar il-Gigafabbriki tal-IA jipprovdi opportunità unika sabiex jiġu kkonsolidati l-kapaċitajiet strateġiċi tal-Ewropa fl-IA, fl-infrastruttura effiċjenti fl-enerġija, u fl-iżvilupp ta' IA sovrana, filwaqt li jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' kompetittiva u fuq quddiem nett fl-innovazzjoni globali fl-IA.

Fir-rigward tat-teknoloġiji kwantistiċi, l-Ewropa bħalissa tinsab f'mument kritiku fit-tellieqa globali għat-teknoloġija kwantistika: L-UE u l-Istati Membri wrew impenn politiku b'saħħtu, l-aktar reċentement permezz tad-Dikjarazzjoni Ewropea tal-2023 dwar it-Teknoloġiji Kwantistiċi u jibbenefikaw minn eċċellenza xjentifika tal-ogħla klassi. Madankollu, ix-xenarju tar-riċerka fl-Ewropa huwa frammentat u l-Unjoni u diversi Stati Membri għandhom il-programmi ta' riċerka tagħhom stess li ma humiex koordinati. Barra minn hekk, l-ekosistema kwantistika Ewropea għadha fraġli u frammentata ħafna. Hija ddominata minn startups u minn scaleups żgħar li jiffaċċjaw ostakli sinifikanti għat-tkabbir, peress li ma għandhomx flussi tad-dħul stabbli, ibatu sabiex jaċċessaw il-kapital, u jeħtiġilhom jinnavigaw f'kuntest ta' domanda industrijali limitata. Ħafna jirriskjaw li jisparixxu jew li jirrilokaw għal ekosistemi barra mill-Ewropa li jipprovdu aktar appoġġ. Huwa meħtieġ qafas ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni koerenti u effettiva fir-riċerka kwantistika u fl-attivitajiet nazzjonali u Ewropej tal-innovazzjoni, l-ekosistema industrijali u l-iżvilupp jew il-ħiliet tal-infrastruttura.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*)

Gigafabbriki tal-IA:

- Il-koordinazzjoni mtejba u ġbir flimkien tal-investimenti Ewropej, nazzjonali u industrijali fuq skala kbira fil-varar ta' Gigafabbriki tal-IA għar-riċerkaturi, għall-imprendituri, għall-industriji Ewropej u għas-settur pubbliku, li ma jistgħux jinkisbu minn Stati Membri u minn kumpaniji Ewropej individwali sabiex jixprunaw lill-UE fuq quddiem nett fil-qasam tal-IA fil-livell globali.
- L-aċċess imtejjeb għall-innovaturi industrijali Ewropej (startups, scaleups u l-industrija l-kbira), għall-partijiet ikkonċernati tas-settur pubbliku u għar-riċerkaturi għal riżorsi tal-infrastruttura tad-data u tal-computing tal-IA tal-ogħla klassi għall-istimulazzjoni tal-iżvilupp fl-Ewropa ta' mudelli tal-IA u ta' soluzzjonijiet tal-IA mill-aktar avvanzati u fuq skala ultra kbira mfasslin għall-ħtiġijiet ta' setturi industrijali, ta' awtoritajiet pubbliċi u ta' dixxiplini xjentifiċi differenti.
- L-appoġġ għall-ekosistema industrijali u tar-riċerka tal-UE dwar l-IA billi jinġabru flimkien ir-riżorsi tal-infrastruttura tad-data u tal-computing tal-IA ewlenin li jeħtieġu sabiex jiżviluppaw mudelli u applikazzjonijiet affidabbli u fuq skala ultra kbira tal-IA ġenerattiva.
- It-tisħiħ tal-potenzjal tal-innovazzjoni u tal-produttività tal-industrija Ewropea, billi jiġi abilitat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA kompletament ġodda għal firxa wiesgħa ta' każijiet ta' użu u ta' setturi ta' applikazzjoni industrijali, u b'hekk jiġu żgurati l-kompetittività u s-sovranità tal-UE bħala kontinent tal-IA.

Teknoloġiji Kwantistiċi:

- Sforzi koordinati fit-teknoloġiji kwantistiċi fil-livell tal-UE, fi sħubija mal-Istati Membri, sabiex jitħaffef l-iżvilupp u l-varar ulterjuri tat-teknoloġiji kwantistiċi, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni.
- L-allinjament u l-ġbir flimkien tal-investimenti tal-UE, nazzjonali u industrijali fit-teknoloġiji kwantistiċi.
- Il-forniment ta' infrastrutturi tal-computing, tar-rilevament u tal-komunikazzjoni kwantistiċi mill-aktar avvanzati li ma jkunx possibbli li jinkisbu minn Stati Membri u minn kumpaniji individwali, sabiex b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa.
- Il-ħolqien ta' ekosistema kwantistika Ewropea koerenti u reżiljenti, l-integrazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni, u l-iżvilupp tal-ħiliet kwantistiċi.
- Aċċess akbar għar-riċerkaturi Ewropej, għall-istartups, u għall-industriji għal infrastrutturi u għal bankijiet tat-test kwantistiċi avvanzati, b'appoġġ tal-innovazzjoni u tal-kompetittività.
- Il-pożizzjonament globali msaħħaħ tal-UE f'oqsma ewlenin bħall-computing kwantistiku, il-komunikazzjoni kwantistika, u r-rilevament kwantistiku, f'allinjament mal-għanijiet strateġiċi fit-tul tal-UE.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

- L-inizjattiva dwar il-Fabbriki tal-IA mnedija fl-2024, li kienet teħtieġ emendi mmirati għar-Regolament Nru 2021/1173 dwar l-Impriża Konġunta EuroHPC, emendat bir-Regolament (UE) 2024/1732, kienet suċċess kbir, li turi l-impenn

u l-appoġġ b'saħħithom tal-Istati Membri. Jistgħu jiġu sfruttati diversi tagħlimiet importanti meħudin sabiex jiġu żgurati progress u impatt kontinwi:

– It-tisħiħ tas-sinifikat strateġiku tal-Gigafabbriki tal-IA billi jiġi enfasizzat il-potenzjal tagħhom li jixprunaw l-innovazzjoni madwar l-UE kollha, kif muri mill-inizjattiva tal-Fabbriki tal-IA.

– Il-bini fuq l-impenn u l-appoġġ b'saħħithom mill-Istati Membri, kif jidher fl-inizjattiva tal-Fabbriki tal-IA, sabiex jiġi żgurat is-suċċess fl-inizjattiva tal-Gigafabbriki tal-IA.

– L-użu tal-momentum mill-Fabbriki tal-IA sabiex jiġi attirat u żgurat finanzjament sinifikanti, filwaqt li jiġu involuti s-setturi pubbliċi u privati.

– Il-kapitalizzazzjoni fuq l-interess mid-ditti tat-teknoloġija, mill-integraturi taċ-ċentri tad-data, mill-fornituri tal-enerġija, u mill-fondi ta' investiment ewlenin għall-integrazzjoni tas-sħubijiet pubbliċi-privati, filwaqt li jissaħħu r-riżorsi u l-innovazzjoni.

Fuq il-bażi tat-tagħlimiet mill-passat bl-integrazzjoni tal-JU EuroHPC u tal-Kwantum, diversi tagħlimiet importanti jistgħu jiggwidaw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas tal-Gigafabbriki tal-IA u tat-Teknoloġiji Kwantistiċi:

– L-evitar tal-frammentazzjoni billi tiġi stabbilita struttura koerenti ta' governanza u ta' investiment li tippermetti azzjoni koordinata bejn l-UE u l-Istati Membri, filwaqt li jiġi żgurat approċċ unifikat għall-iżvilupp tal-HPC (High-Performance Computing) kwantistiku.

– Il-faċilitazzjoni tal-mekkaniżmi konġunti ta' akkwist sabiex jiġbru flimkien ir-riżorsi u jaċċelleraw il-varar ta' infrastruttura kwantistika tal-ogħla klassi, filwaqt li jiġu mmassimizzati l-effiċjenza u r-redditu fuq l-investiment madwar l-Ewropa.

– L-inċentivar tal-adozzjoni ta' teknoloġiji kwantistiċi żviluppati fl-UE billi jiġu allinjati l-għodod tal-politika industrijali, l-oqfsa legali, u l-istrumenti ta' finanzjament sabiex jinħoloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni, għall-espansjoni u għall-adozzjoni mis-suq domestiċi.

– L-appoġġ għall-iżvilupp ta' ekosistema Ewropea sigura u kompetittiva tal-HPC kwantistiku permezz ta' koordinazzjoni strateġika bejn l-atturi tar-riċerka, tal-infrastruttura u tal-industrija, filwaqt li jiġu żgurati r-reżiljenza fit-tul u s-sovranità teknoloġika.

### 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Hemm komplementarjetajiet u sinerġiji ċari mal-clusters u mal-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, inklużi sinerġiji mal-big data, mar-robotika u mal-IA, kif ukoll mal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, li flimkien jappoġġaw is-sovranità teknoloġika tal-Ewropa. Il-JU EuroHPC tappoġġa wkoll inizjattivi trażversali bħas-Saħħa Elettronika u t-Tewmi Diġitali tal-Ġisem tal-Bniedem, li fihom il-qawwa tal-computing potenti hija essenzjali.

B'mod parallel, ir-rabtiet mad-Destinazzjoni d-Dinja (DestinE, Destination Earth), u s-sinerġiji fil-Programm Ewropa Diġitali (DEP) – b'mod partikolari f'oqsma bħall-IA, iċ-ċibersigurtà, u l-ħiliet diġitali avvanzati – ikomplu jsaħħu l-valur miżjud tar-rwol integrat tal-EuroHPC.

L-użu tal-Gigafabbriki tal-IA għall-iżvilupp tal-IA għall-applikazzjonijiet spazjali u b'użu doppju u l-karattru ta' użu doppju tat-teknoloġiji kwantistiċi jfisser li l-iskoperti rivoluzzjonarji rispettivi jistgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għal applikazzjonijiet strateġiċi Ewropej relatati mal-ispazju, mas-sigurtà u mad-difiża li qegħdin jiġu żviluppati mill-programmi Ewropej u nazzjonali differenti relatati mal-ispazju, mas-sigurtà u mad-difiża.

Permezz ta' implimentazzjoni u allinjament koordinati ma' dawn l-inizjattivi u l-programmi, l-Impriża Konġunta msaħħa EuroHPC jista' jkollha rwol ċentrali fl-amplifikazzjoni tal-kapaċitajiet diġitali tal-Ewropa, filwaqt li tiżgura l-koerenza, l-impatt u s-sostenibbiltà fil-pajsaġġ tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-UE.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Il-ġestjoni tal-oqsma ta' azzjoni proposti għall-Impriża Konġunta EuroHPC tallinja sew mal-mandat eżistenti u mal-ambitu operazzjonali tagħha. Filwaqt li dawn l-oqsma jistgħu jeħtieġu għarfien espert speċifiku jew kompiti ġodda, l-Impriża Konġunta għandha l-kapaċità li tassorbihom permezz ta' riallokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u allinjament strateġiku tal-attivitajiet li għaddejjin. L-Impriża Konġunta EuroHPC diġà qiegħda timplimenta b'mod effettiv l-istrateġija Ewropea tal-HPC, inkluż il-varar ta' infrastrutturi tal-computing kwantistiku ta' prestazzjoni għolja u tal-IA (bħall-fabbriki tal-IA), inizjattivi tar-R&Ż, u azzjonijiet relatati mal-konnettività. Il-prestazzjoni b'saħħitha tagħha f'dawn l-oqsma pprovdiet għarfien siewi, li informa direttament it-tħejjija ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rekord juri li l-Impriża Konġunta EuroHPC tinsab f'pożizzjoni tajba sabiex tieħu rwol espandut b'appoġġ għall-ambizzjonijiet tal-Ewropa dwar il-Gigafabbriki tal-IA u t-teknoloġija kwantistika.

## 1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☑durata limitata

– ☑ fis-seħħ mill-1/1/2021 sal-31/12/2033

– ☑ l-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2033 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[13]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

[13] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☑ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐·korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

| M/A |
|---|

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

L-attivitajiet tal-Impriża Konġunta EuroHPC huma soġġetti għal monitoraġġ kontinwu u għal rieżamijiet perjodiċi f'konformità mar-regoli finanzjarji tagħha, sabiex jiġu żgurati kemm l-ogħla impatt u eċċellenza, kif ukoll l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. L-eżiti tal-monitoraġġ u tar-rieżamijiet perjodiċi għandhom jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet tal-Impriża Konġunta bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa kif speċifikat fl-Artikolu 47 tar-Regolament li jistabbilixxi Orizzont Ewropa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni finali bl-assistenza ta' esperti indipendenti sabiex teżamina kif l-Impriża Konġunta twettaq il-missjoni tagħha skont l-objettivi ekonomiċi, teknoloġiċi, xjentifiċi, tas-soċjetà u tal-politika tagħha, u tevalwa l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-attivitajiet tagħha bħala parti minn Orizzont Ewropa. L-evalwazzjoni se tivvaluta s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tagħha ma' inizjattivi rilevanti Ewropej, nazzjonali u, meta rilevanti, reġjonali, inklużi sinerġiji ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa (bħal missjonijiet, clusters jew programmi tematiċi/speċifiċi). L-impatti miksuba fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, filwaqt li jitqies il-komponent tas-sinerġiji u l-modifika retroattiva tal-politika, se jingħataw attenzjoni partikolari.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess setgħat fuq l-Impriża Konġunta bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Bord ta' Tmexxija jista' jorganizza, kif xieraq, l-istabbiliment ta' kapaċità tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta.

F'konformità mal-Artikolu 157 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2024/2509, l-Impriża Konġunta se tirrispetta l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni u se tiggarantixxi livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-membri tagħha li jkun ekwivalenti għal dak meħtieġ skont dak ir-Regolament.

L-awditi *ex-post* tan-nefqa fuq azzjonijiet indiretti se jitwettqu f'konformità ma' Orizzont Ewropa, mal-Ewropa Diġitali u mal-Programm Qafas Nikkollegaw l-Ewropa.

Sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tissorvelja l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta EuroHPC f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari billi twettaq awditi u evalwazzjonijiet fuq l-implimentazzjoni tal-programm, tapplika proċeduri għall-eżaminazzjoni u għall-aċċettazzjoni tal-kontijiet u teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni l-iżborżi li jkunu saru bi ksur tar-regoli applikabbli. Din tista' wkoll tissospendi u tinterrompi l-pagamenti jekk tiskopri irregolaritajiet finanzjarji jew amministrattivi.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji ewlenin identifikati s'issa huma i) il-kontribuzzjoni baxxa tal-Istati Parteċipanti għall-baġit, ii) il-kontribuzzjoni *in natura* mill-membri privati (IKOP, In-Kind contribution to Operational activities) sabiex jilħqu l-mira ta' kontribuzzjoni minima tagħhom.

i) Fl-2024, l-Impriża Konġunta EuroHPC tejbet b'mod sinifikanti l-eżekuzzjoni tal-baġit amministrattiv tagħha, u laħqet il-95 % fl-impenji u t-80 % fil-pagamenti—titjib li huwa mistenni jindirizza s-sejbiet tal-awditjar tal-passat. Filwaqt li l-pagamenti operazzjonali żdiedu wkoll b'mod sostanzjali (minn 19 % għal 59 %), l-eżekuzzjoni tal-impenji naqset (minn 83 % għal 72 %), jiġifieri t-tħassib dwar l-awditjar jista' jippersisti għall-baġit operazzjonali. Dan kien prinċipalment dovut għall-impatt tar-Regolament (UE) 2024/1732 emendat, li kien jeħtieġ prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-Programm ta' Ħidma tal-2024 sabiex jakkomoda l-inizjattiva l-ġdida tal-IA. B'riżultat ta' dan, is-sorsi ta' finanzjament ġew ivvalutati mill-ġdid, il-krediti mhux użati ġew riallokati, u xi attivitajiet ippjanati ġew posposti għall-2025–2027.

ii) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tkompli tirreferi għat-tħassib tal-Parlament Ewropew dwar kontribuzzjonijiet tal-IKOP konsistentement aktar baxxi minn dawk immirati. Minħabba r-rekwiżit ta' kofinanzjament ta' 50/50 bejn l-UE u l-fondi pubbliċi nazzjonali – mhux il-membri privati – il-mudell kurrenti tal-IKOP ma jistax jilħaq b'mod realistiku l-mira ta' EUR 900 miljun stabbilita fir-Regolament tal-2021. B'riżultat ta' dan, kemm il-Parlament kif ukoll il-QEA talbu lill-Kummissjoni terġa' tivvaluta l-fattibbiltà ta' dawn il-miri. Filwaqt li din il-kwistjoni ta' finanzjament strutturali tmur lil hinn mill-mandat tal-Impriża Konġunta, l-Impriża Konġunta għadha impenjata li tappoġġa lill-Kummissjoni u qabbdet konsulent estern sabiex itejjeb il-monitoraġġ u r-rapportar tal-IKOP fi ħdan ir-restrizzjonijiet eżistenti.

Ta' min jinnota li l-investimenti privati l-kbar li huma mistennijin iseħħu għall-użu tal-Gigafabbriki tal-IA (fl-ordni ta' diversi biljuni ta' euro) se jtejbu drastikament il-mudell kurrenti tal-IKOP u huma mistennijin jisbqu bil-bosta l-mira stabbilita ta' EUR 900 miljun. Fil-biċċa l-kbira, l-istess loġika ta' investiment privat se tapplika għall-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji kwantistiċi taħt ir-responsabbiltà tal-Impriża Konġunta.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Bħala parti mill-Impriżi Konġunti maħluqin fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, l-Impriża Konġunta EuroHPC se tkun parti mill-istrateġija tal-awditjar tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-azzjonijiet indiretti implimentati mill-Impriża Konġunta se jiġu monitorjati mis-CIC (Common Implementation Centre) sabiex tiġi żgurata rata ta' żball fl-istess livell bħall-azzjonijiet l-oħrajn iffinanzjati fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

**2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandhom is-setgħa li jawditjaw, fuq il-bażi tad-dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji kollha tal-għotja, tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi li jkunu rċivew fondi tal-UE. Il-EuroHPC kienet soġġetta għal awditi regolari tal-QEA

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office Européen de Lutte Antifraude) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jistgħu jwettqu investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[14] u fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15], bl-għan li jistabbilixxu jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna finanzjament mill-UE.

Mingħajr preġudizzju għal dak li hawn miktub hawn fuq, il-ftehimiet ta' għotja u l-kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jagħtu s-setgħa b'mod espliċitu lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF sabiex iwettqu dawn l-awditi, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post.

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

[15] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Intestatura 1**<br>**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali** | Diff./Mhux diff[16]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[17] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[18] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | 01 02 02 42 01 – HE - Cluster Diġitali, Industrija u Spazju – Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC), Nefqa ta' appoġġ | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| | 01 02 02 42 02 – HE - Cluster Diġitali, Industrija u Spazju – Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC), Nefqa operazzjonali | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| | 02 04 02 11 01 – DEP - Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC), Nefqa ta' appoġġ | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| | 02 04 02 11 02 – DEP - Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC), Nefqa ta' appoġġ | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| | 02 03 03 – FNE Diġitali | Diff. | LE | IVA | IVA | IVA |

[16] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[17] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[18] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

*3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvotat u inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1 | 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali |
|---|---|---|

Il-proposta mhux se żżid il-livell totali tan-nefqa pprogrammata taħt l-intestatura 1 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Fil-fatt, il-kontribuzzjoni addizzjonali tal-Unjoni, inkluża l-EFTA (European Free Trade Association) għall-JU EuroHPC se tinġabar mill-Programm Orizzont Ewropa, mill-Programm Ewropa Diġitali u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Programm Diġitali (FNE– Diġitali).

Din il-kontribuzzjoni addizzjonali se tiġi ffinanzjata permezz ta':

i. riallokazzjoni interna tal-pakkett kurrenti tal-Programm Ewropa Diġitali,

ii. riallokazzjoni interna tal-pakkett kurrenti tal-Programm Orizzont Ewropa,

iii. riallokazzjoni interna tal-pakkett kurrenti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Programm Diġitali,

It-tabella sintetika ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali sħiħa lejn is-sorsi kollha ta' finanzjament.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Approprjazzjoni operazzjonali riallokata fi ħdan **Ewropa Diġitali** | | | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 04 01 11 - Programm Ewropa Diġitali – Ċentru ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà | Impenji | (1a) | 15,000 | 16,000 | | 31,000 |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet riallokati fi ħdan Ewropa Diġitali** | Impenji | =1a | **15,000** | **16,000** | | **31,000** |

| Approprjazzjoni operazzjonali riallokata fi ħdan **FNE – Diġitali** | | | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 03 03 01 – FNE Diġitali | Impenji | (1a) | 100,000 | | | 100,000 |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet riallokati fi ħdan il-FNE – Diġitali** | Impenji | =1a | **100,000** | | | **100,000** |

| Approprjazzjoni operazzjonali riallokata fi ħdan **Orizzont Ewropa** | | | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 02 01 03 – Infrastrutturi tar-Riċerka | Impenji | (1a) | | 100,000 | | 100,000 |
| 01 02 02 10 – Cluster tas-Saħħa | Impenji | (1a) | | 19,685 | 24,029 | 43,714 |
| 01 02 02 11.02 - Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva - baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 6,145 | 4,194 | 10,339 |
| 01 02 02 12.02-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 - baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 4,538 | 2,275 | 6,813 |
| 01 02 02 20- Cluster Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva | Impenji | (1a) | | 10,276 | 9,823 | 20,099 |
| 01 02 02 30-Cluster Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà | Impenji | (1a) | | 23,758 | 3,452 | 27,210 |
| 01 02 02 40 - Cluster Diġitali, Industrija u Spazju | Impenji | (1a) | | 282,614 | 22,457 | 305,071 |
| 01 02 02 42.02 - Impriża Konġunta taċ-ĊIPEP | Impenji | (1a) | | 10,494 | 9,997 | 20,490 |
| 01 02 02 43.02 -Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti - baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 3,950 | 3,868 | 7,818 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 02 02 50-Cluster Klima, Enerġija u Mobilità | Impenji | (1a) | | 53,784 | 46,433 | 100,217 |
| 01 02 02 51.02- Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 – baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 2,842 | 3,136 | 5,978 |
| 01 02 02 52.02-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa - baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 3,853 | 11,773 | 15,626 |
| 01 02 02 53.02-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea - baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 2,404 | 1,728 | 4,131 |
| 01 02 02 54.02-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif - baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 4,016 | 4,561 | 8,578 |
| 01 02 02 60- Cluster Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent | Impenji | (1a) | | 37,152 | 37,478 | 74,629 |
| 01.020261.02-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika - baġit operazzjonali | Impenji | (1a) | | 4,488 | 4,797 | 9,286 |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet riallokati fi ħdan Orizzont Ewropa** | Impenji | =1a | | **570,000** | **190,000** | **760,000** |

=================================================================================

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-Impriża Konġunta EuroHPC

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Impriża Konġunta** | | | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 3 | Impenji | (3 a) | 115,000 | 586,000 | 190,000 | | **891,000** |
| | Pagamenti | (3b) | | | 210,000 | 681,000 | **891,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-Impriża Konġunta** | Impenji | =1+1a+3a | 115,000 | 586,000 | 190,000 | | **891,000** |
| | Pagamenti | =2+2a+3b | | | 210,000 | 681,000 | **891,000** |

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Impriża Konġunta** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani[1] | | - | 1,486 | 4,721 | 6,695 | 6,829 | 6,966 | 42,425 | | 69,122 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | - | 2,031 | 1,713 | 1,747 | 1,782 | 1,818 | 13,786 | | 22,878 |
| **TOTAL TAD-DĠ** | Approprjazzjonijiet | | **3,517** | **6,434** | **8,443** | **8,612** | **8,784** | **56,211** | | **92,000** |

[1] Ikopru l-azzjonijiet tal-HE (Horizon Europe) u tad-DEP. Il-kostijiet FTE (Full-Time Equivalent) huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju tal-persunal TA (Temporary Agent) (EUR 152 000) u CA (Contractual Agent) (EUR 82 000).

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva"[19] |
|---|---|---|

§miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **DĠ CNECT 10 FTE AD STATUTORJI, 2 AC FTE)** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani [1] | | 0,772 | 0,787 | 0,803 | 0,819 | 0,836 | 2,082 | 2,082 | *6,246* | **14,427** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | p.m | p.m | p.m | p.m | p.m | p.m | p.m | *p.m* | p.m |
| **Total tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | 0,772 | 0,787 | 0,803 | 0,819 | 0,836 | 2,082 | 2,082 | *6,246* | **14,427** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[20] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |

19 Sabiex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

20 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[21]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[21] Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi"

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet addizzjonali ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

*3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,819 | 0,836 | 2,082 | 2,082 | **5,819** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | 0,819 | 0,836 | 2,082 | 2,082 | **5,819** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

*3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

### *3.2.4.1. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Kummissjoni - Iffinanzjat mill-baġit ivvotat*

*L-istima espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)*[22]

| **APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI** | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 4 | 4 | 10 | 10 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **• Persunal estern (f'FTEs)** | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali") | | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] | - fil-Kwartieri Ġenerali | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | - fid-Delegazzjonijiet tal-UE | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | | **6** | **6** | **12** | **12** |

*Considering the overall strained situation in Heading 7, in terms of both staffing and the level of appropriations, the human resources required will be met by staff from the DG who are already assigned to the management of the action and/or have been redeployed within the DG or other Commission services.*

[22] Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

| | **Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni** | **Persunal addizzjonali eċċezzjonali *** | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew skont ir-Riċerka** | **Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA** | **Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi** |
| Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal | 10 | | M/A | |
| Persunal estern (CA, SNEs, INT) | 2 | | | |

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

*3.2.4.2. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-JU - Iffinanzjat mill-baġit ivvotat*

Ma hemm l-ebda rekwiżit addizzjonali f'termini ta' riżorsi umani fil-JU. Hawn taħt huma inklużi biss għal referenza r-rekwiżiti fir-riżorsi umani msemmijin fl-LFS (Labour Force Survey) preċedenti.

| | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | |
| Persunal bil-Kuntratt | 27 | 27 | 27 | 27 | 27 |
| Persunal Temporanju | 27 | 27 | 27 | 27 | 27 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | |
| **TOTAL** | **54** | **54** | **54** | **54** | **54** |

| | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | |
| Uffiċjali | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| (Gradi AST) | | | | | |
| Persunal bil-Kuntratt | 2,303 | 2,350 | 2,397 | 24,914 | **36,129** |
| Persunal Temporanju | 4,744 | 4,839 | 4,936 | 10,678 | **34,358** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **7,048** | **7,189** | **7,332** | **35,592** | **70,487** |

*3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-approprjazzjonijiet skont l-Intestatura 7 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6 għandhom jiġu riflessi bħala "Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali". Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (eż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa tal-IT (korporattiva) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

*3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Mil-linja | | Ammont (miljuni ta' EUR) | Linja |
|---|---|---|---|
| 01 02 01 03 | Infrastrutturi tar-riċerka | 100,000 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 10 | Cluster Saħħa | 43,714 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 11.02 | Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva - baġit operazzjonali | 10,339 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 12.02 | Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 - baġit operazzjonali | 6,813 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 20 | Cluster Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva | 20,099 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 30 | Cluster Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà | 27,210 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 40 | Cluster Diġitali, Industrija u Spazju | 305,071 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 42.02 | Impriża Konġunta taċ-ĊIPEP | 20,491 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 43.02 | Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti - baġit operazzjonali | 7,818 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 50 | Cluster Klima, Enerġija u Mobilità | 100,217 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 51.02 | Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3- baġit operazzjonali | 5,978 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 52.02 | Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa - baġit operazzjonali | 15,626 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 53.02 | Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea - baġit operazzjonali | 4,131 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 54.02 | Impriża Konġunta Idroġenu Nadif - baġit operazzjonali | 8,578 | 01 02 02 41 |
| 01 02 02 60 | Cluster Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent | 74,629 | 01 02 02 41 |
| 01.020261.02 | Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika - baġit operazzjonali | 9,286 | 01 02 02 41 |
| *Subtotal Orizzont Ewropa* | *Programm Orizzont Ewropa* | *760,000* | |
| 02 03 03 01 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Diġitali | 100,000 | 02 03 03 02 |
| *Subtotal tal-FNE* | *Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)* | *100,000* | |
| 02 04 01 11 | Programm Ewropa Diġitali - Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar iċ-Ċibersigurtà | 31,000 | 02 04 02 11 |
| *Subtotal Programm Ewropa Diġitali* | *Programm Ewropa Diġitali* | *31,000* | |
| | **Total** | **891,000** | |

*3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

L-Istati Parteċipanti huma mistennijin jikkontribwixxu ammont li tal-anqas ikun daqs il-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1).

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– ☐ jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[23] | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| |

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

## 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

M/A

### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

M/A

### 4.2. Data

M/A

23 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

**4.3. Soluzzjonijiet diġitali**

| |
|---|
| M/A |

***4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà***

| |
|---|
| M/A |

**4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali**

| |
|---|
| M/A |